REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/691

tat-30 ta' Jannar 2020

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 176(4), 181(2), 185(5), 189(1) u 279(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi, *inter alia*, regoli għall-istabbilimenti tal-akkwakultura u għat-trasportaturi ta' annimali akkwatiċi. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tadotta atti delegati maħsuba sabiex jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli supplimentari sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-sistema stabbilita fil-qafas leġiżlattiv ġdid tar-Regolament (UE) 2016/429.

(2) B'mod aktar partikolari, ir-regoli stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jissupplimentaw dawk diġà stipulati fil-Kapitolu 1 tat-Titolu II tal-Parti IV tar-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura b'riskju sinifikanti għas-saħħa tal-annimali, ir-reġistri tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li għandhom jinżammu mill-awtoritajiet kompetenti u l-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura u tat-trasportaturi ta' annimali akkwatiċi.

(3) Barra minn hekk, dan ir-Regolament iqis it-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ([2]) bir-Regolament (UE) 2016/429 b'effett mill-21 ta' April 2021. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi li l-istabbilimenti u l-operaturi rreġistrati jew approvati f'konformità ma' dik id-Direttiva, qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, għandhom jitqiesu bħala rreġistrati jew approvati, kif meħtieġ, f'konformità ma' dak ir-Regolament, u soġġetti għall-obbligi rilevanti stipulati fih.

(4) Għaldaqstant, ir-regoli stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jissupplimentaw ir-regoli stipulati fil-Parti IX tar-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward tal-miżuri tranżizzjonali meħtieġa għall-protezzjoni tad-drittijiet miksuba u l-aspettattivi leġittimi tal-partijiet ikkonċernati li jirriżultaw mill-atti tal-Unjoni li diġà kienu jeżistu qabel fir-rigward tal-istabbilimenti tal-akkwakultura.

(5) Billi r-regoli stipulati f'dan ir-Regolament kollha jirrigwardjaw stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi u jenħtieġ li jiġu applikati flimkien, jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti f'att wieħed minflok f'atti separati b'bosta kontroreferenzi, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom, fl-interessi tat-trasparenza, u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-regoli. Dan huwa wkoll konformi mal-approċċ adottat mir-Regolament (UE) 2016/429.

(6) L-Artikolu 176(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi li l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura għandhom japplikaw mal-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni fejn iżommu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li dawk l-annimali jiġu mċaqilqa minnhom, kemm jekk ħajjin kif ukoll jekk bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura. Minħabba li varjetà wiesgħa ta' stabbilimenti tal-akkwakultura jaqgħu f'dik il-kategorija, l-Artikolu 176(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-operaturi ta' tipi speċifiċi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura mir-rekwiżit għall-approvazzjoni, diment li tali stabbilimenti tal-akkwakultura ma joħolqux riskju sinifikanti ta' mard. Barra minn hekk, l-Artikolu 176(4) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi li l-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati li jikkonċernaw derogi mir-rekwiżit għall-approvazzjoni ta' ċerti tipi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, għal darba oħra bil-kundizzjoni li dawk l-istabbilimenti tal-akkwakultura ma joħolqu l-ebda riskju sinifikanti.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14).

(7) Il-livell ta' riskju maħluq minn stabbiliment tal-akkwakultura jiddependi fuq l-attività ta' dak l-istabbiliment tal-akkwakultura u d-destinazzjoni u l-użu maħsub tal-annimali tal-akkwakultura jew tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura li jiġu prodotti hemmhekk. Xi stabbilimenti tal-akkwakultura diġà ġew approvati għal finijiet differenti, bħall-istabbilimenti tal-akkwakultura li ġew approvati skont ir-regoli tal-iġjene f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). F'ċerti sitwazzjonijiet, stabbilimenti tal-akkwakultura bħal ċentri ta' purifikazzjoni u ċentri tad-dispaċċ jew żoni fejn jinżammu l-molluski jirċievu biss molluski miż-żona epidemjoloġika li fiha jinsab l-istabbiliment tal-akkwakultura nnifsu. Għalhekk, dawn l-istabbilimenti tal-akkwakultura joħolqu riskju insinifikanti minn perspettiva tas-saħħa tal-annimali. Stabbilimenti tal-akkwakultura oħrajn huma involuti wkoll f'attivitajiet b'riskju baxx, bħaż-żamma tal-annimali tal-akkwakultura biss għar-rilaxx fl-ambjent naturali wara li jkunu ġew prodotti minn ħut riproduttur li jkun oriġina mill-korp tal-ilma fejn ikun jinsab l-istabbiliment tal-akkwakultura, jew iż-żamma ta' annimali tal-akkwakultura f'għadajjar estensivi għall-konsum mill-bniedem jew għar-rilaxx fl-ambjent naturali.

(8) Huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu stipulati l-kundizzjonijiet speċifiċi li taħthom jenħtieġ li jkunu permessi derogi mir-rekwiżit għall-approvazzjoni għall-istabbilimenti tal-akkwakultura. F'ċerti każijiet, jenħtieġ li d-derogi japplikaw biss għall-istabbilimenti tal-akkwakultura li jċaqilqu l-annimali tal-akkwakultura fl-Istat Membru tagħhom stess u mhux għall-istabbilimenti tal-akkwakultura li jċaqilqu l-annimali tal-akkwakultura bejn l-Istati Membri. Madankollu, fil-każijiet kollha, jenħtieġ li d-derogi mir-rekwiżit li stabbiliment tal-akkwakultura jiġi approvat jiġu kkunsidrati biss meta l-awtorità kompetenti tkun lestiet valutazzjoni tar-riskju li tqis mill-inqas ir-riskju li l-annimali tal-akkwakultura fl-istabbiliment tal-akkwakultura jikkuntrattaw jew ixerrdu marda akkwatika permezz tal-ilma jew permezz ta' movimenti u fejn ikun instab li r-riskju mhuwiex sinifikanti. Id-dettalji ta' aktar fatturi tar-riskju li l-awtorità kompetenti tista' tqis f'din il-valutazzjoni tar-riskju huma stabbiliti fil-Kapitolu 2 tal-Parti I tal-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([4]) [C(2019) 4056]. Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli li jissupplimentaw stipulati f'dan ir-Regolament ikunu konsistenti ma' dawk stipulati f'dak ir-Regolament Delegat.

(9) Fl-istess ħin, ċerti tipi oħrajn ta' stabbilimenti tal-akkwakultura jirrappreżentaw riskju sinifikanti għat-tixrid ta' mard tal-annimali akkwatiċi. Jenħtieġ li dawn it-tipi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura jiġu deskritti b'mod speċifiku f'dan ir-Regolament u li r-rekwiżit li l-operaturi ta' dawn l-istabbilimenti tal-akkwakultura jiġu approvati jkun spjegat fid-dettall f'dan ir-Regolament. Dawn jinkludu stabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura ornamentali f'faċilitajiet miftuħa u wkoll f'faċilitajiet magħluqa fejn ix-xejriet ta' moviment huma tali li l-kummerċ fl-Unjoni jew ma' pajjiżi terzi potenzjalment jippreżenta riskju ta' mard. Tipi oħrajn ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jenħtieġ li jittaffa r-riskju tat-tixrid tal-mard permezz tar-rekwiżit għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti huma l-istabbilimenti ta' kwarantina, l-istabbilimenti li jżommu speċijiet li jġorru l-vetturi iżolati sa dak iż-żmien li ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, u bastimenti u postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jiġu ttrattati jew jgħaddu minn proċeduri oħrajn relatati mat-trobbija.

(10) L-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-awtorità kompetenti tagħti approvazzjoni tal-operaturi għal gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura. Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli li jissupplimentaw stipulati f'dan ir-Regolament japplikaw għal tali gruppi, fejn ikun xieraq, u li dawn jistabbilixxu d-dettalji ta' kif jenħtieġ li r-regoli japplikaw direttament għall-grupp u fi ħdanu.

(11) L-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura kollha jew tal-gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni lill-awtorità kompetenti bil-ħsieb li jiksbu approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 180 tar-Regolament (UE) 2016/429. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-operaturi jipprovdu lill-awtorità kompetenti bi pjan ta' bijosigurtà bil-miktub li ser jiġi kkunsidrat matul il-proċess ta' approvazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit japplika kemm għall-istabbilimenti tal-akkwakultura individwali kif ukoll għall-gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, irrispettivament mid-daqs tagħhom, iżda jenħtieġ li l-kumplessità tal-pjan ta' bijosigurtà tiddependi fuq l-ispeċifiċitajiet tal-istabbiliment tal-akkwakultura individwali jew il-grupp tagħhom, u fuq il-miżuri li huma meħtieġa sabiex jittaffew ir-riskji tal-mard assoċjati.

(12) Jenħtieġ li ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura u gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, abbażi tar-regoli stipulati fil-Kapitolu 1 tal-Parti I tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, jipparteċipaw fi skema ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju li tiddaħħal fis-seħħ mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/429. Mingħajr tali parteċipazzjoni, l-istabbilimenti tal-akkwakultura jew il-gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura tagħhom jenħtieġ li ma jiġux approvati. Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2016/429, is-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju tista' tqis is-sorveljanza mwettqa mill-operaturi nfushom f'konformità mal-Artikolu 24, inklużi ż-żjarat b'rabta mas-saħħa tal-annimali msemmija fl-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament. Sorveljanza bbażata fuq ir-riskju tista' titwettaq ukoll fl-istess ħin mas-sorveljanza marbuta ma' mard elenkat partikolari, sabiex jiġu massimizzati r-riżorsi.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli għas-sorveljanza, mal-programmi ta' eradikazzjoni u mal-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ara paġna 211 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(13) Jenħtieġ li l-frekwenza tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju tkun ibbażata fuq il-klassifikazzjoni tal-istabbiliment tal-akkwakultura mill-awtorità kompetenti bħala riskju "għoli", "medju" jew "baxx", wara valutazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-istabbiliment. Il-fatturi li jridu jitqiesu u jitqiesu mill-awtorità kompetenti hija u tikklassifika l-istabbilimenti skont ir-riskju, kif ukoll il-frekwenza tas-sorveljanza li torbot ma' kull klassifikazzjoni tar-riskju huma stipulati fil-Parti I tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689. L-objettiv li jiġu inklużi l-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu speċijiet mhux elenkati iżda li jipparteċipaw f'ammont sinifikanti ta' kummerċ u li, għalhekk, huma kklassifikati bħala li għandhom riskju "għoli", fl-iskema ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju, huwa li jiġu mmassimizzati ċ-ċansijiet li jiġi identifikat u kkontrollat il-mard emerġenti, jekk tali mard jidher f'annimali tal-akkwakultura ta' dawk l-ispeċijiet mhux elenkati.

(14) Billi s-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju titwettaq ukoll fi gruppi approvati ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, huwa importanti li jiġi stabbilit kif jenħtieġ li din titlesta fil-livell tal-grupp sabiex l-eżitu tas-sorveljanza jkun epidemjoloġikament sinifikanti. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-approċċ li jenħtieġ li tieħu l-awtorità kompetenti fit-twettiq ta' tali sorveljanza.

(15) Minbarra r-rekwiżit għall-operaturi li jippreżentaw pjan ta' bijosigurtà lill-awtorità kompetenti bħala parti mill-proċess ta' approvazzjoni, kif ukoll għal ċerti stabbilimenti tal-akkwakultura li jipparteċipaw fi skema ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju, l-istabbilimenti tal-akkwakultura li għandhom jiġu approvati jenħtieġ li jissodisfaw ukoll ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-faċilitajiet u t-tagħmir tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita f'dan ir-Regolament il-kombinazzjoni partikolari ta' rekwiżiti fir-rigward tal-bijosigurtà, is-sorveljanza, u l-faċilitajiet u t-tagħmir li japplikaw għal kategorija speċifika ta' stabbiliment tal-akkwakultura jew għal kategorija speċifika ta' grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura.

(16) L-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi li l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li jixtiequ jiksbu l-istat ta' stabbiliment tal-akkwakultura konfinat jistgħu jċaqilqu biss l-annimali tal-akkwakultura lejn jew mill-istabbilimenti tal-akkwakultura tagħhom wara li jkunu kisbu l-approvazzjoni ta' dak l-istat mill-awtorità kompetenti f'konformità mar-regoli stipulati f'dak ir-Regolament. Billi dawn l-istabbilimenti tal-akkwakultura jistgħu jiskambjaw annimali tal-akkwakultura bejniethom b'inqas rekwiżiti ta' moviment milli għal tipi oħrajn ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, huwa xieraq li dawn ikollhom veterinarju kkuntrattat li jissorvelja l-attivitajiet tal-istabbiliment tal-akkwakultura u jkun responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa tiegħu, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu garanziji tas-saħħa robusti lil xulxin. L-Artikolu 181(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jistabbilixxu r-regoli supplimentari għall-approvazzjoni ta' tali stabbilimenti tal-akkwakultura, u jenħtieġ li tali regoli jiġu stipulati f'dan ir-Regolament.

(17) L-Artikolu 179 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi l-approvazzjoni ta' stabbilimenti għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku. Dawn l-istabbilimenti tal-akkwakultura jiffaċilitaw l-iskarnar sanitarju u l-ipproċessar sanitarju tal-annimali akkwatiċi, li jistgħu jkunu infettati b'marda elenkata jew emerġenti. Għalhekk, huma jirrappreżentaw riskju sinifikanti ta' mard u jenħtieġ li jiġu approvati mill-awtorità kompetenti. Matul il-perjodi meta dawn l-istabbilimenti tal-akkwakultura jkunu qegħdin jirċievu annimali akkwatiċi infettati jew suspettati li huma infettati b'marda elenkata jew emerġenti, jenħtieġ li huma jkunu konformi ma' miżuri stretti ta' bijosigurtà bl-għan li jiġi żgurat li l-aġenti tal-mard ma jiġux rilaxxati fl-ibħra miftuħa mingħajr trattament xieraq. L-Artikolu 181(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jistabbilixxu r-regoli supplimentari għall-approvazzjoni ta' dawn l-istabbilimenti tal-akkwakultura u, għaldaqstant, jenħtieġ li dawk ir-regoli supplimentari jiġu stipulati f'dan ir-Regolament.

(18) Jenħtieġ li ċerti ċentri ta' purifikazzjoni, żoni fejn jinżammu l-molluski u ċentri ta' dispaċċ għall-molluski ħajjin jitqiesu bħala stabbilimenti tal-akkwakultura li jeħtieġu l-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 176(1) tar-Regolament (UE) 2016/429. Dawk l-istabbilimenti, li jirċievu molluski ħajjin minn barra ż-żona epidemjoloġika tagħhom stess, jirrappreżentaw riskju ogħla ta' tixrid ta' mard elenkat jew emerġenti u jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala tali matul il-proċess tal-approvazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli supplimentari f'dak ir-rigward.

(19) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([5]) jistabbilixxi d-definizzjonijiet għall-mard tal-kategoriji A, B, C, D u E, u jistabbilixxi li r-regoli dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 għandhom japplikaw għall-kategoriji ta' mard elenkat għall-ispeċijiet elenkati msemmija fit-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. Dik it-tabella tistabbilixxi li ċerti speċijiet ta' annimali akkwatiċi li huma elenkati fil-kolonna 4 tagħha għandhom jitqiesu biss bħala vetturi meta jinżammu fi stabbiliment tal-akkwakultura fejn jinżammu wkoll l-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 tagħha, jew fil-każ ta' annimali akkwatiċi selvaġġi, meta jkunu ġew esposti għall-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 f'ħabitat selvaġġ. Madankollu, jekk dawn l-ispeċijiet sussegwentement jinżammu f'iżolament mill-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 3 u minn sorsi tal-ilma infettati għal perjodu ta' żmien xieraq, huma ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi. Jekk dan il-perjodu ta' iżolament ma jkunx jista' jitwettaq fi stabbiliment ta' kwarantina approvat f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament,

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

mela tali annimali akkwatiċi jistgħu minflok jinżammu f'tip ieħor ta' stabbiliment tal-akkwakultura li ma jkollux il-miżuri ta' bijosigurtà kollha li huma meħtieġa għall-istabbilimenti ta' kwarantina, iżda fejn jinżammu f'iżolament minn patoġeni potenzjali sakemm ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi. L-Artikolu 181(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jistabbilixxu r-regoli supplimentari għall-approvazzjoni ta' tali stabbilimenti tal-akkwakultura li jikkunsidraw dawk ir-rekwiżiti. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiġu stipulati f'dan ir-Regolament.

(20) L-Artikolu 185(5) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati rigward informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi inkluża fir-reġistri ta' stabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati u approvati miżmuma mill-awtorità kompetenti, kif ukoll l-aċċess pubbliku għal dawk ir-reġistri. Soġġett għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* stipulati fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), jenħtieġ li l-informazzjoni li jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku mill-awtorità kompetenti tkun tirrifletti r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 185(2)(a),(c),(e) u (f) tar-Regolament (UE) 2016/429 li, min-naħa tagħhom, fil-biċċa l-kbira jirriflettu d-dettalji diġà pprovduti mill-Istati Membri f'reġistru pubbliku f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru. 2008/392/KE ([7]).

(21) Madankollu, jenħtieġ li tiġi inkluża wkoll informazzjoni aktar speċifika fir-reġistru pubbliku tal-awtorità kompetenti rigward l-istat tas-saħħa ta' kull stabbiliment approvat sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ sikur u jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati jkunu jafu jekk stabbiliment tal-akkwakultura partikolari huwiex ħieles minn marda speċifika tal-kategorija B jew C, huwiex soġġett għal programm ta' eradikazzjoni għal marda speċifika tal-kategorija B jew C, huwiex fi programm ta' sorveljanza għal marda speċifika tal-kategorija C, jew jekk ma jkollu l-ebda wieħed minn dawk l-istat ta' saħħa. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tad-disponibbiltà pubblika tal-informazzjoni dwar l-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati, jenħtieġ li dan ir-Regolament iħassar id-Deċiżjoni 2008/392/KE.

(22) L-Artikoli 186 u 187 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxu l-obbligi minimi ta' żamma tar-rekords għall-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura. Billi l-annimali akkwatiċi ġeneralment ma jkunux jistgħu jiġu identifikati individwalment, iż-żamma tar-rekords fir-rigward tal-produzzjoni u l-moviment tagħhom hija kruċjali. Filwaqt li hemm xi elementi komuni bejn ir-rekords miżmuma mill-operaturi ta' tipi differenti ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, jenħtieġ li tipi speċifiċi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura jżommu rekords li huma partikolari għalihom u għat-tip ta' attività tal-akkwakultura li huma involuti fiha. Għalhekk, billi l-Artikolu 189(1) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jistabbilixxu regoli supplimentari għall-obbligi taż-żamma tar-rekords, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti differenti taż-żamma tar-rekords f'dan ir-Regolament għal kull tip ta' stabbiliment tal-akkwakultura approvat.

(23) L-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi l-obbligi minimi għaż-żamma tar-rekords għat-trasportaturi ta' annimali akkwatiċi intenzjonati għal stabbilimenti tal-akkwakultura u tal-annimali akkwatiċi li jiġu ttrasportati bejn il-ħabitats. It-trasportaturi tal-annimali akkwatiċi jirrappreżentaw riskju partikolari għat-tixrid tal-mard u huwa kruċjali li dawn l-operaturi jżommu rekords li jiżguraw it-traċċabbiltà tal-annimali akkwatiċi li huma jittrasportaw, kif ukoll sabiex tiġi pprovduta evidenza dokumentarja li huma qegħdin jużaw miżuri ta' bijosigurtà xierqa. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli supplimentari għall-obbligi taż-żamma tar-rekords tagħhom.

(24) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-21 ta' April 2021 f'konformità mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

PARTI I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jissupplimenta r-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-istabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati u approvati li jżommu annimali tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi.

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.)

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/392/KE tat-30 ta' April 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward ta' paġna ta' informazzjoni fuq l-Internet biex tagħmel disponibbli, permezz ta' mezzi elettroniċi, informazzjoni dwar in-negozji tal-produzzjoni tal-akkwakultura u l-istabbilimenti awtorizzati tal-ipproċessar (ĠU L 138, 28.5.2008, p. 12).

2. Il-Parti II tistabbilixxi r-rekwiżiti fi:

(a) Il-Kapitolu 1 tat-Titolu I dwar l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li joħolqu riskju sinifikanti għal mard li jaffettwa l-annimali akkwatiċi, u ċerti derogi għall-operaturi ta' stabbilimenti li joħolqu riskju insinifikanti għal dak il-mard;

(b) Il-Kapitolu 2 tat-Titolu I dwar ir-rekwiżiti għall-istabbilimenti tal-akkwakultura u l-gruppi tagħhom, u l-għoti ta' approvazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(c) Il-Kapitolu 1 tat-Titolu II dwar l-obbligi ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward tar-reġistri tal-istabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 173 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(d) Il-Kapitolu 2 tat-Titolu II dwar l-obbligi ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward tar-reġistri tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati;

(e) Il-Kapitolu 1 tat-Titolu III għall-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura u tal-istabbilimenti tal-ikel akkwatiku rreġistrati jew approvati mill-awtorità kompetenti, minbarra dawk previsti fl-Artikoli 186(1) u 187(1) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(f) Il-Kapitolu 2 tat-Titolu III dwar l-obbligi taż-żamma tar-rekords tat-trasportaturi ta' annimali akkwatiċi, minbarra dawk previsti fl-Artikolu 188(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

3. Il-Parti III tistabbilixxi ċerti miżuri tranżizzjonali fir-rigward tad-Direttiva 2006/88/KE u d-Deċiżjoni 2008/392/KE f'dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "għadira estensiva" tfisser għadira jew laguna tradizzjonali li huma naturali jew artifiċjali u fejn is-sors tal-ikel għall-annimali miżmuma f'dawn l-għadajjar jew laguni ikun naturali, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali, u fejn ma tittieħed l-ebda miżura sabiex tiżdied il-produzzjoni lil hinn mill-kapaċità naturali tal-ambjent;

(2) "ċentru ta' purifikazzjoni" tfisser stabbiliment bit-tankijiet li jimtlew b'ilma baħar nadif li fihom jitqiegħdu l-molluski għaż-żmien meħtieġ sabiex titnaqqas il-kontaminazzjoni u b'ħekk isiru tajbin għall-konsum mill-bniedem;

(3) "ċentru ta' dispaċċ" tfisser stabbiliment fuq l-art jew lil hinn mill-kosta għall-akkoljenza, il-kundizzjonament, il-ħasil, it-tindif, il-gradazzjoni, it-tgeżwir u l-imballaġġ tal-molluski maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(4) "żona fejn jinżammu l-molluski" tfisser kwalunkwe żona ta' ilma ħelu, baħar, estwarju jew laguna b'limiti mmarkati b'mod ċar u indikati minn bagi, arbli jew kwalunkwe mezz fiss ieħor, u użata esklussivament għall-purifikazzjoni naturali tal-molluski;

(5) "f'iżolament" tfisser li l-annimali tal-akkwakultura jinżammu fi stabbiliment tal-akkwakultura fejn ma jiġu f'kuntatt mal-ebda speċi oħra ta' annimali akkwatiċi, direttament permezz ta' koabitazzjoni jew indirettament permezz tal-provvista tal-ilma;

(6) "faċilità magħluqa" tfisser stabbiliment tal-akkwakultura minn fejn l-ilma mormi jkun soġġett għal trattament li kapaċi jinattiva aġenti ta' mard elenkat jew mard emerġenti, qabel ma jintrema fl-ibħra miftuħa;

(7) "faċilità miftuħa" tfisser stabbiliment tal-akkwakultura minn fejn l-ilma mormi jintrema direttament fl-ibħra miftuħa mingħajr ma jiġi ttrattat sabiex jiġu inattivati l-aġenti tal-mard elenkat jew tal-mard emerġenti;

(8) "żona epidemjoloġika" tfisser żona ġeografika definita fejn l-annimali akkwatiċi għandhom l-istess stat ta' saħħa u huma esposti għall-istess riskju li jieħdu marda elenkata jew marda emerġenti;

(9) "pjan ta' bijosigurtà" tfisser pjan iddokumentat li jidentifika r-rotot li bihom aġent tal-marda jista' jidħol fi stabbiliment tal-akkwakultura, jinxtered fih u jiġi ttrasferit minnu; huwa jqis l-ispeċifiċitajiet tal-istabbiliment u jidentifika l-miżuri li jimmitigaw ir-riskji tal-bijosigurtà li ġew identifikati;

(10) "miżuri ta' bijosigurtà komuni" tfisser il-miżuri inklużi fi pjan ta' bijosigurtà li tfassal għal kull stabbiliment tal-akkwakultura, u ġie implimentat minnu, fi grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li ġie approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(11) "numru ta' reġistrazzjoni uniku" tfisser numru assenjat lil stabbiliment tal-akkwakultura rreġistrat jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 173 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(12) "numru ta' approvazzjoni uniku" tfisser numru assenjat mill-awtorità kompetenti lil stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvat minnha f'konformità mal-Artikolu 173 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(13) "numru tal-identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO" tfisser numru uniku assenjat lill-bastimenti li jbaħħru mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO);

(14) "barriera tal-iġjene" tfisser ħasil tas-saqajn, ħasil tal-idejn, tibdil tal-ilbies jew miżuri ta' bijosigurtà oħrajn, li l-effetti tagħhom huma li joħolqu ostakoli għat-tixrid tal-mard fi, ġewwa jew minn stabbiliment tal-akkwakultura;

(15) "unitajiet tal-produzzjoni" tfisser ħwat, għadajjar, karreġġjati, tankijiet, gaġeġ, pinen, jew strutturi simili li fihom gruppi ta' annimali tal-akkwakultura fi stabbiliment tal-akkwakultura;

(16) "żieda fil-mortalità" tfisser mortalitajiet mhux spjegati 'l fuq mil-livell meqjus bħala normali għall-istabbiliment tal-akkwakultura jew għall-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura kkonċernati, taħt kundizzjonijiet prevalenti;

(17) "programm ta' sorveljanza" tfisser programm volontarju ta' miżuri ta' ttestjar u kontroll li jsir fir-rigward ta' marda tal-kategorija C fi stabbiliment tal-akkwakultura li ma jkunx qed jipparteċipa fi programm ta' eradikazzjoni sabiex jinkiseb stat ta' ħelsien minn mard, iżda fejn l-ittestjar jindika li l-istabbiliment tal-akkwakultura mhuwiex infettat b'dik il-marda tal-kategorija C.

PARTI II

REĠISTRAZZJONI, APPROVAZZJONI, REĠISTRI U ŻAMMA TA' REKORDS

TITOLU I

L-APPROVAZZJONI TAL-OPERATURI TA' STABBILIMENTI TAL-AKKWAKULTURA MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

KAPITOLU 1

L-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li joħolqu riskju sinifikanti għat-tixrid tal-mard u derogi mir-rekwiżit għall-approvazzjoni

Artikolu 3

Derogi mir-rekwiżit li l-operaturi japplikaw mal-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura

1. B'deroga mill-Artikolu 176(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tat-tipi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li ġejjin ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw mal-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura tagħhom:

(a) stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura esklussivament għar-rilaxx fl-ambjent naturali;

(b) għadajjar estensivi fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura għall-konsum dirett mill-bniedem jew għar-rilaxx fl-ambjent naturali;

(c) ċentri ta' purifikazzjoni li:

(i) huma approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(ii) jirċievu molluski biss minn ġewwa ż-żona epidemjoloġika fejn jinsab l-istabbiliment;

(d) ċentri ta' dispaċċ li:

(i) huma approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(ii) jirċievu molluski biss minn ġewwa ż-żona epidemjoloġika fejn jinsab l-istabbiliment;

(e) żoni fejn jinżammu l-molluski li:

(i) huma approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(ii) jirċievu molluski biss minn ġewwa ż-żona epidemjoloġika fejn jinsab l-istabbiliment.

2. Id-derogi mir-rekwiżit li japplikaw għall-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għall-istabbilimenti tal-akkwakultura li minnhom l-annimali tal-akkwakultura ma jiġux imċaqilqa lejn Stat Membru ieħor, minbarra molluski għal konsum dirett mill-bniedem u meta l-awtorità kompetenti tkun lestiet valutazzjoni tar-riskju:

(a) tqis mill-inqas il-fatturi tar-riskju stipulati fil-punti (a) u (b) tal-Kapitolu 2 tal-Parti I tal-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689; u

(b) sab li r-riskju li l-annimali tal-akkwakultura fl-istabbiliment tal-akkwakultura jikkuntrattaw jew ixerrdu marda elenkata jew marda emerġenti huwa insinifikanti.

Artikolu 4

Tipi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li jeħtieġ li jiġu approvati mill-awtorità kompetenti

L-operaturi tat-tipi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li ġejjin għandhom japplikaw mal-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 176(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/429:

(a) stabbilimenti ta' kwarantina għall-annimali tal-akkwakultura;

(b) stabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati li huma vetturi miżmuma f'iżolament, sakemm ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi;

(c) l-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali f'faċilitajiet magħluqa li, minħabba x-xejriet ta' ċaqliq tagħhom, joħolqu riskju sinifikanti ta' mard;

(d) stabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura għal finijiet ornamentali f'faċilitajiet miftuħa;

(e) bastimenti jew postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jinżammu temporanjament sabiex jiġu ttrattati jew jgħaddu minn proċedura oħra relatata mat-trobbija.

KAPITOLU 2

Ir-rekwiżiti u l-għoti ta' approvazzjoni lill-istabbilimenti ta' kwarantina

Artikolu 5

Ir-rekwiżit li l-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati u l-gruppi tagħhom ikollhom pjan ta' bijosigurtà

L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss l-istabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 7 u fl-Artikoli 9 sa 19, jew il-gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 8, jekk l-operaturi tagħhom ikunu żviluppaw u ddokumentaw pjan ta' bijosigurtà, li jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jidentifika r-rotot li bihom aġent tal-mard jista' jidħol fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew fi grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, jinxtered fih u jiġi ttrasferit minnu lejn l-ambjent jew lejn stabbilimenti tal-akkwakultura oħrajn;

(b) iqis l-ispeċifiċitajiet tal-istabbiliment tal-akkwakultura individwali jew tal-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura u jidentifika miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għal kull riskju ta' bijosigurtà li ġie identifikat;

(c) jikkunsidra u jqis, fejn ikun xieraq, l-elementi stabbiliti fil-punt 1(a) tal-Partijiet 1 sa 7 u l-Partijiet 9 sa 12, u fil-punt 1(b) tal-Parti 8 tal-Anness I, meta jkun qed jiġi żviluppat dan il-pjan għall-istabbiliment tal-akkwakultura jew għall-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura.

Artikolu 6

Ir-rekwiżit li l-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati u l-gruppi tagħhom jipparteċipaw fi skema ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju

1. L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss l-istabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fl-Artikoli 7, 17 u 18 ta' dan ir-Regolament jekk l-operaturi jkunu konformi mas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju mmexxija mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/429, fil-forma ta' skema ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju, kif stabbilit fil-Parti 1 u fil-punt 1 tal-Parti 2 tal-Anness II għal dan ir-Regolament.

2. L-awtorità kompetenti għandha tapprova biss il-gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jekk l-operaturi jkunu konformi mas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju mmexxija mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/429, fil-forma ta' skema ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju, kif stabbilit fil-Parti 1 u fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness II għal dan ir-Regolament.

3. Meta tagħti l-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-akkwakultura jew gruppi tagħhom kif previst fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti għandha tqis l-elementi li ġejjin, u tinkludihom fl-iskema ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju:

(a) l-eżitu tas-sorveljanza mmexxija mill-operatur f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(b) l-informazzjoni miksuba permezz taż-żjarat dwar is-saħħa tal-annimali mwettqa minn veterinarju f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/429, meta l-operaturi jagħmlu tali informazzjoni disponibbli.

Artikolu 7

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom ħajjin jew bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura, għajr dawk l-istabbilimenti tal-akkwakultura li għalihom huma stipulati rekwiżiti speċifiċi fl-Artikoli 12 sa 19

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-istabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom ħajjin jew bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura, għajr dawk l-istabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fl-Artikoli 12 sa 19, ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fl-Artikolu 6(1), b'rabta mas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju;

(b) fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(c) fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 8

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni ta' gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom ħajjin jew bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom ħajjin jew bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fl-Artikolu 6(2), b'rabta mas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju;

(b) fil-punt 1 tal-Parti 2 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà għall-istabbilimenti tal-akkwakultura fil-grupp;

(c) fil-punt 2 tal-Parti 2 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 9

Ir-rekwiżiti għall-għoti tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-akkwakultura konfinati

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fl-Artikolu 10, b'rabta mal-arranġamenti għall-faċilitajiet fejn jitwettqu l-eżamijiet *post-mortem* u jiġu garantiti s-servizzi ta' veterinarju tal-istabbiliment;

(b) fil-punt 1 tal-Parti 3 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(c) fil-punt 2 tal-Parti 3 tal-Anness I, b'rabta mas-sorveljanza u l-kontroll;

(d) fil-punt 3 tal-Parti 3 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 10

L-obbligi tal-operaturi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura konfinati

Qabel ma tingħata approvazzjoni mill-awtorità kompetenti, l-operaturi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura konfinati għandhom:

(a) idaħħlu fis-seħħ arranġamenti sabiex jitwettqu eżamijiet veterinarji *post-mortem* f'faċilitajiet xierqa fl-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat jew f'laboratorju;

(b) jiggarantixxu b'kuntratt jew permezz ta' strument legali ieħor is-servizzi ta' veterinarju ta' stabbiliment li għandu jkun responsabbli għal:

(i) is-superviżjoni tal-attivitajiet tal-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat u tal-konformità mar-rekwiżiti għall-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 9;

(ii) ir-rieżami tal-pjan ta' sorveljanza tal-mard imsemmi fil-punt 2(a) tal-Parti 3 tal-Anness I mill-inqas kull sena.

Artikolu 11

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-istabbilimenti għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fil-punt 1 tal-Parti 4 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(b) fil-punt 2 tal-Parti 4 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 12

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni taċ-ċentri ta' purifikazzjoni għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c)

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ċ-ċentri ta' purifikazzjoni, għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c), ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fil-punt 1 tal-Parti 5 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(b) fil-punt 2 tal-Parti 5 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 13

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni taċ-ċentri tad-dispaċċ għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1)(d)

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ċ-ċentri tad-dispaċċ, għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1)(d), ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fil-punt 1 tal-Parti 6 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(b) fil-punt 2 tal-Parti 6 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 14

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni taż-żoni fejn jinżammu l-molluski għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1)(e)

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ż-żoni fejn jinżammu l-molluski, għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 3(1)(e), ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fil-punt 1 tal-Parti 7 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(b) fil-punt 2 tal-Parti 7 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 15

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni lill-istabbilimenti ta' kwarantina

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-istabbilimenti ta' kwarantina jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fil-punt 1 tal-Parti 8 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(b) fil-punt 2 tal-Parti 8 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' sorveljanza u kontroll;

(c) fil-punt 3 tal-Parti 8 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 16

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati li huma vetturi miżmuma f'iżolament, sakemm ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati li huma vetturi miżmuma f'iżolament, sakemm dawn ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fil-punt 1 tal-Parti 9 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(b) fil-punt 2 tal-Parti 9 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' sorveljanza u kontroll;

(c) fil-punt 3 tal-Parti 9 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 17

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali f'faċilitajiet magħluqa li, minħabba x-xejriet ta' ċaqliq tagħhom, joħolqu riskju sinifikanti ta' mard

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet magħluqa u li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali li, minħabba x-xejriet ta' ċaqliq tagħhom, joħolqu riskju sinifikanti ta' mard, ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fl-Artikolu 6(1), b'rabta mas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju;

(b) fil-punt 1 tal-Parti 10 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(c) fil-punt 2 tal-Parti 10 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 18

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet miftuħa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet miftuħa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fl-Artikolu 6(1), b'rabta mas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju;

(b) fil-punt 1 tal-Parti 11 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(c) fil-punt 2 tal-Parti 11 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

Artikolu 19

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-bastimenti jew ta' postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jinżammu temporanjament sabiex jiġu ttrattati jew sabiex jgħaddu minn proċedura oħra relatata mat-trobbija

Meta tagħti l-approvazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-bastimenti jew postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jinżammu temporanjament sabiex jiġu ttrattati jew sabiex jgħaddu minn proċedura oħra relatata mat-trobbija jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti:

(a) fil-punt 1 tal-Parti 12 tal-Anness I, b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà;

(b) fil-punt 2 tal-Parti 12 tal-Anness I, b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir.

TITOLU II

REĠISTRI LI GĦANDHOM JINŻAMMU MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTABBILIMENTI TAL-AKKWAKULTURA RREĠISTRATI U APPROVATI

KAPITOLU 1

Reġistri ta' stabbilimenti tal-akkwakultura miżmuma mill-awtorità kompetenti

Artikolu 20

Obbligu ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward tar-reġistru ta' stabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 185(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-reġistru tal-istabbilimenti tal-akkwakultura kif previst fl-Artikolu 185(1)(a) ta' dak ir-Regolament, għal kull stabbiliment tal-akkwakultura li tirreġistra:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni uniku assenjat lilu mill-awtorità kompetenti;

(b) id-data tar-reġistrazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(c) l-indirizz u l-koordinati ġeografiċi (latitudni u lonġitudni) tal-pożizzjoni tal-istabbiliment tal-akkwakultura;

(d) deskrizzjoni tal-faċilitajiet u tat-tagħmir tiegħu;

(e) il-kategoriji ta' annimali tal-akkwakultura li jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(f) l-għadd approssimattiv jew il-bijomassa massima, jew it-tnejn li huma, tal-annimali tal-akkwakultura li jistgħu jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(g) il-perjodu li matulu l-annimali tal-akkwakultura jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura jekk ma jkunx okkupat kontinwament, inkluża, meta jkun rilevanti, informazzjoni dwar l-okkupazzjoni staġjonali jew l-okkupazzjoni matul avvenimenti partikolari;

(h) id-data ta' kwalunkwe waqfien ta' attività meta l-operatur ikun informa lill-awtorità kompetenti b'dan.

KAPITOLU 2

Reġistri ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati mill-awtorità kompetenti

Artikolu 21

Obbligu ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward tar-reġistru ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati

1. Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 185(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-reġistru tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati previsti fl-Artikolu 185(1)(b) u (c) ta' dak ir-Regolament, għal kull stabbiliment tal-akkwakultura jew grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li tapprova:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku assenjat lilu mill-awtorità kompetenti;

(b) id-data tal-approvazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti jew ta' kwalunkwe sospensjoni jew irtirar ta' approvazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(c) l-indirizz u l-koordinati ġeografiċi (latitudni u lonġitudni) tal-pożizzjoni tal-istabbiliment tal-akkwakultura approvat jew ta' grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura;

(d) deskrizzjoni tal-faċilitajiet u t-tagħmir rilevanti tiegħu;

(e) il-kategoriji ta' annimali tal-akkwakultura li jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew fil-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura;

(f) l-għadd approssimattiv jew il-bijomassa massima, jew it-tnejn li huma, tal-annimali tal-akkwakultura li jistgħu jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew fil-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura;

(g) il-perjodu li matulu l-annimali tal-akkwakultura jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew fi grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura jekk ma jkunux okkupati kontinwament, inkluża, meta jkun rilevanti, informazzjoni dwar l-okkupazzjoni staġjonali jew l-okkupazzjoni matul avvenimenti partikolari;

(h) id-data ta' kwalunkwe waqfien ta' attività meta l-operatur ikun informa lill-awtorità kompetenti b'dan.

2. Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 185(3) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-awtorità kompetenti għandha tinkludi informazzjoni aġġornata dwar l-istat tas-saħħa tal-annimali tal-akkwakultura miżmuma fi stabbilimenti tal-akkwakultura jew gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura li huma approvati f'konformità mal-Artikolu 181(1) ta' dak ir-Regolament, f'paġna ta' informazzjoni bbażata fuq l-Internet li tkun disponibbli għall-pubbliku.

Dik l-informazzjoni aġġornata dwar is-saħħa għandha mill-inqas tistabbilixxi l-istat tas-saħħa tal-istabbiliment tal-akkwakultura jew ta' grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura għal kull marda elenkata rilevanti u għal kull kategorija rilevanti tagħha, kif ġej:

(a) jekk huwiex ħieles minn marda tal-kategorija B jew marda tal-kategorija C;

(b) jekk huwiex fi programm ta' eradikazzjoni għal marda tal-kategorija B jew marda tal-kategorija C;

(c) jekk huwiex fi programm ta' sorveljanza volontarja għal marda tal-kategorija C; jew

(d) kwalunkwe informazzjoni oħra li tappartjeni għal marda tal-kategorija B, tal-kategorija C jew tal-kategorija D, minbarra l-informazzjoni li hija stabbilita fil-punti (a), (b) u (c).

TITOLU III

OBBLIGI TA' ŻAMMA TA' REKORDS MILL-OPERATURI FLIMKIEN MA' DAWK PREVISTI FIR-REGOLAMENT (UE) 2016/429

KAPITOLU 1

Rekords li għandhom jinżammu mill-operaturi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati jew approvati

Artikolu 22

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni uniku assenjat lill-istabbiliment tal-akkwakultura mill-awtorità kompetenti;

(b) id-dettalji ta' kwalunkwe investigazzjoni li twettqet wara l-okkorrenza ta' żieda fil-mortalità jew suspett tal-preżenza tal-marda;

(c) id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) 2016/429, li jkunu waslu mal-konsenji ta' annimali tal-akkwakultura li jkunu waslu fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew li jkunu ntbagħtu ma' tali konsenji mibgħuta mill-istabbiliment tal-akkwakultura, kif rilevanti;

(d) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 23

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom, ħajjin jew bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura għajr dawk imsemmija fl-Artikoli 27 sa 34

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom, ħajjin jew bħala prodotti li joriġinaw minn annimali tal-akkwakultura, għajr dawk l-istabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fl-Artikoli 27 sa 34 ta' dan ir-Regolament, għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-istabbiliment tal-akkwakultura mill-awtorità kompetenti;

(b) il-kategorizzazzjoni tar-riskju attwali tal-istabbiliment tal-akkwakultura, kif assenjata mill-awtorità kompetenti;

(c) id-dettalji tal-implimentazzjoni u r-riżultati tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju previsti fl-Artikolu 6(1);

(d) id-dettalji tal-movimenti lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura, inklużi:

(i) in-numru ta' approvazzjoni jew reġistrazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tal-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura kollha li jkunu waslu minn stabbiliment tal-akkwakultura ieħor; jew

(ii) il-post tal-ħabitat minn fejn inġabru l-annimali akkwatiċi selvaġġi qabel ma ntbagħtu lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura;

(e) id-dettalji tal-movimenti mill-istabbiliment tal-akkwakultura, inklużi:

(i) l-annimali tal-akkwakultura u prodotti li joriġinaw minn annimali tal-akkwakultura u, fil-każ ta' movimenti ta' annimali tal-akkwakultura, inkluż in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tad-destinazzjoni; jew

(ii) fil-każ ta' movimenti fl-ambjent naturali, id-dettalji tal-ħabitat fejn għandhom jiġu rilaxxati l-annimali tal-akkwakultura;

(f) l-isem u l-indirizz tat-trasportaturi li jwasslu l-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment jew li jiġbru l-annimali tal-akkwakultura minnu;

(g) il-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura approvat u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(h) id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) 2016/429, li jkunu waslu mal-konsenji ta' annimali tal-akkwakultura li jkunu waslu fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew li jkunu ntbagħtu mal-konsenji mibgħuta mill-istabbiliment tal-akkwakultura, kif rilevanti;

(i) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 24

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi ta' grupp approvat ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom ħajjin jew bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura

1. Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura fi grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) 2016/429 għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-istabbiliment tal-akkwakultura mill-awtorità kompetenti;

(b) il-kategorizzazzjoni tar-riskju attwali tal-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, kif assenjata mill-awtorità kompetenti;

(c) id-dettalji tal-implimentazzjoni u r-riżultati tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju previsti fl-Artikolu 6(2);

(d) id-dettalji tal-movimenti lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura, inklużi:

(i) in-numru ta' approvazzjoni jew reġistrazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tal-oriġini għall-annimali tal-akkwakultura kollha li jkunu waslu minn stabbiliment tal-akkwakultura barra mill-grupp; jew

(ii) il-post tal-ħabitat minn fejn inġabru l-annimali akkwatiċi selvaġġi qabel ma ntbagħtu lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura;

(e) id-dettalji tal-movimenti mill-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura, inklużi:

(i) l-annimali tal-akkwakultura u prodotti li joriġinaw minn annimali tal-akkwakultura u, fil-każ ta' movimenti ta' annimali tal-akkwakultura, inkluż in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, fejn l-annimali tal-akkwakultura jintbagħtu lejn stabbiliment ieħor barra mill-grupp; jew

(ii) fil-każ ta' movimenti fl-ambjent naturali, id-dettalji tal-ħabitat fejn għandhom jiġu rilaxxati l-annimali tal-akkwakultura;

(f) l-isem u l-indirizz tat-trasportaturi li jwasslu l-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura, jew li jiġbru l-annimali tal-akkwakultura minnu;

(g) id-dettalji tal-pjan ta' bijosigurtà użat u evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(h) id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) 2016/429, li jkunu waslu mal-konsenji ta' annimali tal-akkwakultura li jkunu waslu fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew li jkunu ntbagħtu mal-konsenji mibgħuta mill-istabbiliment tal-akkwakultura, kif rilevanti;

(i) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

2. L-operatur ta' grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) 2016/429 għandu jirreġistra jew iżomm l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(a) sa (i) ta' dan l-Artikolu f'isem kull stabbiliment tal-akkwakultura fil-grupp.

Artikolu 25

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati approvati

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati approvati għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat mill-awtorità kompetenti;

(b) id-dettalji tal-movimenti lejn u mill-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat, inkluż in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tal-annimali tal-akkwakultura kollha li jkunu waslu minn jew li jintbagħtu lejn stabbiliment tal-akkwakultura ieħor;

(c) l-isem u l-indirizz tat-trasportaturi li jwasslu l-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat, jew li jiġbru l-annimali tal-akkwakultura minnu;

(d) id-dettalji tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-pjan ta' sorveljanza tal-mard previsti fil-punt 2 tal-Parti 3 tal-Anness I;

(e) ir-riżultati tat-testijiet kliniċi u fil-laboratorju u tal-eżamijiet *post-mortem* li jitwettqu meta jiġu investigati ż-żieda fil-mortalitajiet jew is-suspett tal-preżenza tal-mard;

(f) fejn rilevanti, id-dettalji tat-tilqim jew tat-trattament tal-annimali tal-akkwakultura previsti fil-punt 2(c) tal-Parti 3 tal-Anness I;

(g) id-dettalji tal-iżolament jew tal-kwarantina tal-annimali tal-akkwakultura li jidħlu, l-istruzzjonijiet, jekk ikun hemm, tal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-iżolament u l-kwarantina, kif ukoll l-osservazzjonijiet rilevanti magħmula matul kwalunkwe perjodu ta' iżolament jew kwarantina;

(h) il-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat;

(i) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali tal-akkwakultura.

Artikolu 26

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 187(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-istabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku mill-awtorità kompetenti;

(b) il-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku u evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(c) ir-rekords tal-manutenzjoni għas-sistema tat-trattament tal-ilma mormi użata fl-istabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku;

(d) ir-rekords li jivverifikaw l-effikaċja tas-sistema tat-trattament tal-ilma;

(e) l-isem u l-indirizz tat-trasportaturi li jwasslu l-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku;

(f) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 27

L-obbligi taż-żamma ta' rekords tal-operaturi taċ-ċentri ta' purifikazzjoni approvati

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi taċ-ċentri ta' purifikazzjoni approvati għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ liċ-ċentru ta' purifikazzjoni approvat mill-awtorità kompetenti;

(b) il-pjan ta' bijosigurtà għaċ-ċentru ta' purifikazzjoni approvat u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(c) ir-rekords tal-manutenzjoni għas-sistema tat-trattament tal-ilma mormi użata fiċ-ċentru ta' purifikazzjoni approvat;

(d) ir-rekords li jivverifikaw l-effikaċja tas-sistema tat-trattament tal-ilma;

(e) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 28

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi taċ-ċentri tad-dispaċċ approvati

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi taċ-ċentri tad-dispaċċ approvati għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ liċ-ċentru tad-dispaċċ approvat mill-awtorità kompetenti;

(b) il-pjan ta' bijosigurtà għaċ-ċentru tad-dispaċċ approvat u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(c) ir-reġistri tal-manutenzjoni għas-sistema tat-trattament tal-ilma mormi użata fiċ-ċentru tad-dispaċċ approvat;

(d) ir-rekords li jivverifikaw l-effikaċja tas-sistema tat-trattament tal-ilma;

(e) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 29

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi taż-żoni fejn jinżammu l-molluski approvati

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi taż-żoni fejn jinżammu l-molluski approvati għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ liż-żona fejn jinżammu l-molluski approvata mill-awtorità kompetenti;

(b) il-pjan ta' bijosigurtà għaż-żona fejn jinżammu l-molluski approvata u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(c) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 30

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti ta' kwarantina approvati għall-annimali tal-akkwakultura

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti ta' kwarantina approvati għall-annimali tal-akkwakultura għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-istabbiliment ta' kwarantina mill-awtorità kompetenti;

(b) id-dettalji tal-movimenti lejn l-istabbiliment tal-kwarantina approvat, inklużi:

(i) in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tal-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura kollha li jkunu waslu minn stabbiliment tal-akkwakultura ieħor; jew

(ii) il-post tal-ħabitat minn fejn inġabru l-annimali akkwatiċi qabel ma ntbagħtu lejn l-istabbiliment ta' kwarantina approvat;

(c) id-dettalji tal-movimenti mill-istabbiliment ta' kwarantina approvat, inklużi:

(i) in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tad-destinazzjoni; jew

(ii) il-post tal-ħabitat fejn l-annimali tal-akkwakultura jkunu ġew rilaxxati fl-ambjent naturali;

(d) l-isem u l-indirizz tat-trasportaturi li jwasslu l-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment ta' kwarantina approvat, jew li jiġbru l-annimali tal-akkwakultura minnu;

(e) id-dettalji tal-implimentazzjoni u r-riżultati tas-sorveljanza tal-mard previsti fil-punt 2 tal-Parti 8 tal-Anness I;

(f) ir-riżultati tat-testijiet kliniċi u fil-laboratorju u tal-eżamijiet *post-mortem* previsti fil-punt 2 tal-Parti 8 tal-Anness I;

(g) l-istruzzjonijiet, jekk ikun hemm, tal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-osservazzjonijiet li saru matul kwalunkwe perjodu ta' iżolament jew kwarantina;

(h) il-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment ta' kwarantina approvat u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(i) l-evidenza li turi li l-parametri ambjentali fl-istabbiliment ta' kwarantina approvat iwasslu għall-espressjoni tal-mard(a) elenkat(a) jew emerġenti rilevanti;

(j) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 31

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati li jżommu annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati li huma vetturi miżmuma f'iżolament, sakemm ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati li jżommu annimali tal-akkwakultura tal-ispeċijiet elenkati li huma vetturi f'iżolament, sakemm ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-istabbiliment tal-akkwakultura mill-awtorità kompetenti;

(b) id-dettalji tal-movimenti lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, inklużi:

(i) in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tal-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura kollha li jkunu waslu minn stabbiliment tal-akkwakultura ieħor; jew

(ii) il-post tal-ħabitat minn fejn inġabru l-annimali akkwatiċi qabel ma ntbagħtu lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura approvat;

(c) id-dettalji tal-movimenti mill-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, inklużi:

(i) in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tad-destinazzjoni; jew

(ii) fil-każ ta' movimenti fl-ambjent naturali, id-dettalji tal-ħabitat fejn għandhom jiġu rilaxxati l-annimali tal-akkwakultura;

(d) l-isem u l-indirizz tat-trasportaturi li jwasslu l-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, jew li jiġbru l-annimali tal-akkwakultura minnu;

(e) id-dettalji tal-implimentazzjoni u r-riżultati tas-sorveljanza tal-mard previsti fil-punt 2 tal-Parti 9 tal-Anness I;

(f) ir-riżultati tat-testijiet kliniċi u fil-laboratorju u tal-eżamijiet *post-mortem* previsti fil-punt 2 tal-Parti 9 tal-Anness I;

(g) l-istruzzjonijiet, jekk ikun hemm, tal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-osservazzjonijiet li jkunu saru matul il-perjodu ta' iżolament ta' 90 jum imsemmi fil-punt 2 tal-Parti 9 tal-Anness I;

(h) il-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura approvat u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(i) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 32

L-obbligi għaż-żamm tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati li huma faċilitajiet magħluqa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati li huma faċilitajiet magħluqa li jżommu l-annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-istabbiliment tal-akkwakultura mill-awtorità kompetenti;

(b) il-kategorizzazzjoni tar-riskju attwali tal-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, kif assenjata mill-awtorità kompetenti;

(c) id-dettalji tal-implimentazzjoni u r-riżultati tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju previsti fl-Artikolu 6(1), fejn ikun rilevanti;

(d) id-dettalji tal-movimenti lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, inkluż in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tal-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura kollha li jkunu waslu minn stabbiliment tal-akkwakultura ieħor;

(e) id-dettalji tal-movimenti mill-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, inkluż in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tad-destinazzjoni, minbarra meta dawn il-movimenti jseħħu lejn unitajiet domestiċi;

(f) l-isem u l-indirizz tat-trasportaturi li jwasslu l-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, jew li jiġbru l-annimali tal-akkwakultura minnu, minbarra meta dawn il-movimenti jseħħu lejn unitajiet domestiċi;

(g) il-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura approvat u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(h) id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) 2016/429, li jkunu waslu mal-konsenji ta' annimali tal-akkwakultura li jkunu waslu fl-istabbiliment tal-akkwakultura approvat jew li jkunu ntbagħtu mal-konsenji mibgħuta mill-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, kif rilevanti;

(i) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali tal-akkwakultura.

Artikolu 33

L-obbligi għaż-żamm tar-rekords tal-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati li huma faċilitajiet miftuħa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati li huma faċilitajiet miftuħa li jżommu l-annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-istabbiliment tal-akkwakultura mill-awtorità kompetenti;

(b) il-kategorizzazzjoni tar-riskju attwali tal-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, kif assenjata mill-awtorità kompetenti;

(c) id-dettalji tal-implimentazzjoni u r-riżultati tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju previsti fl-Artikolu 6(1), fejn ikun rilevanti;

(d) id-dettalji tal-movimenti lejn l-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, inkluż in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tal-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura kollha li jkunu waslu minn stabbiliment tal-akkwakultura ieħor;

(e) id-dettalji tal-movimenti mill-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, inkluż in-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-akkwakultura tad-destinazzjoni, ħlief meta dawn il-movimenti jseħħu lejn unitajiet domestiċi;

(f) l-isem u l-indirizz tat-trasportaturi li jwasslu l-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, jew li jiġbru l-annimali tal-akkwakultura minnu, minbarra meta dawn il-movimenti jseħħu lejn unitajiet domestiċi;

(g) il-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura approvat u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(h) id-dokumenti ta' awtodikjarazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 218 tar-Regolament (UE) 2016/429, li jkunu waslu mal-konsenji ta' annimali tal-akkwakultura li jkunu waslu fl-istabbiliment tal-akkwakultura approvat jew li jkunu ntbagħtu mal-konsenji mibgħuta mill-istabbiliment tal-akkwakultura approvat, kif rilevanti;

(i) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali akkwatiċi.

Artikolu 34

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-operaturi tal-bastimenti approvati jew ta' postijiet mobbli oħrajn approvati fejn l-annimali tal-akkwakultura jinżammu temporanjament sabiex jiġu ttrattati jew sabiex jgħaddu minn proċedura oħra relatata mat-trobbija

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 186(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi tal-bastimenti approvati jew ta' postijiet mobbli oħrajn approvati fejn l-annimali tal-akkwakultura jinżammu temporanjament sabiex jiġu ttrattati jew sabiex jgħaddu minn proċedura oħra relatata mat-trobbija, għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' approvazzjoni uniku maħruġ lill-bastiment jew lil postijiet mobbli oħrajn mill-awtorità kompetenti;

(b) id-dati u l-ħinijiet tat-tagħbija tal-annimali tal-akkwakultura fuq il-bastiment approvat jew f'postijiet mobbli approvati oħrajn;

(c) fejn rilevanti, l-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku ta' kull stabbiliment tal-akkwakultura fejn tgħabbew u nħattu l-annimali tal-akkwakultura;

(d) id-dati u l-postijiet fejn il-bastiment jew il-postijiet mobbli l-oħrajn imtlew bl-ilma qabel it-tagħbija u, fejn rilevanti, fejn ġie skambjat bejn it-tagħbija u l-ħatt;

(e) fejn rilevanti, id-dettalji tar-rotta meħuda bejn stabbiliment tal-akkwakultura u ieħor;

(f) id-dettalji ta' kull trattament jew proċedura relatata mat-trobbija li jseħħu fil-bastiment approvat jew f'postijiet mobbli approvati oħrajn;

(g) il-pjan ta' bijosigurtà għall-bastiment approvat jew għal postijiet mobbli approvati oħrajn u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(h) fejn rilevanti, kwalunkwe dokument ieħor li jakkumpanja l-annimali tal-akkwakultura.

KAPITOLU 2

Rekords li għandhom jinżammu mit-trasportaturi

Artikolu 35

L-obbligi taż-żamma tar-rekords tat-trasportaturi ta' annimali akkwatiċi

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 188 tar-Regolament (UE) 2016/429, it-trasportaturi ta' annimali akkwatiċi għandhom jirreġistraw u jżommu l-informazzjoni li ġejja għal kull mezz ta' trasport użat sabiex jiġu ttrasportati annimali akkwatiċi:

(a) in-numru tal-pjanċa tal-liċenzja tiegħu fil-każ ta' trasport bl-art, in-numru tal-identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO tiegħu fil-każ ta' trasport bil-baħar, jew kwalunkwe mezz ieħor ta' identifikazzjoni li jidentifika b'mod uniku mezzi oħrajn ta' trasport li fihom jiġu ttrasportati l-annimali akkwatiċi;

(b) id-dati u l-ħinijiet tat-tagħbija tal-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew il-ħabitat tal-oriġini;

(c) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni jew approvazzjoni uniku ta' kull stabbiliment tal-akkwakultura li saret żjara fih;

(d) il-post ta' kull ħabitat li minnu jkunu nġabru l-annimali akkwatiċi selvaġġi;

(e) id-dati u l-ħinijiet tat-tagħbija tal-annimali akkwatiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura jew il-ħabitat tad-destinazzjoni;

(f) id-dati, il-ħinijiet u l-postijiet tal-iskambju tal-ilma, meta dan ikun seħħ;

(g) il-pjan ta' bijosigurtà għall-mezz tat-trasport u l-evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(h) in-numri ta' referenza tad-dokumenti li jakkumpanjaw il-konsenji ta' annimali akkwatiċi.

PARTI III

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 36

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2008/392/KE titħassar b'effett mill-21 ta' April 2021.

Ir-referenzi għall-att imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 37

Miżuri tranżizzjonali rigward l-informazzjoni fir-reġistri tal-istabbilimenti tal-akkwakultura u l-operaturi eżistenti miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-istabbilimenti tal-akkwakultura u l-operaturi eżistenti msemmija fl-Artikolu 279(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 20 u 21 ta' dan ir-Regolament, l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikoli 20 u 21 tkun ġiet inkluża għal kull stabbiliment tal-akkwakultura u operatur fir-reġistri tal-istabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati u approvati miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti qabel il-21 ta' April 2021.

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

IR-REKWIŻITI GĦALL-GĦOTI TA' APPROVAZZJONI TAL-ISTABBILIMENTI TAL-AKKWAKULTURA MSEMMIJA FIL-KAPITOLU 2 TAT-TITOLU I TAL-PARTI II

PARTI 1

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom kemm ħajjin kif ukoll bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura kif imsemmi fl-Artikolu 7

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-istabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura, bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom ħajjin jew bħala prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-akkwakultura kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 7, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) l-operaturi għandhom jimplimentaw pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis l-elementi li ġejjin:

      (i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

      (ii) fejn ikunu jeżistu l-unitajiet funzjonali li ġejjin fl-istess stabbiliment tal-akkwakultura, dawn iridu jiġu sseparati bl-użu ta' barrieri tal-iġjene xierqa:

         — unitajiet tal-mafqas,

         — unitajiet tat-tismin,

         — unitajiet tal-ipproċessar,

         — ċentru tad-dispaċċ;

      (iii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu esklussivament għall-użu fl-istabbiliment tal-akkwakultura u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

      (iv) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż bejn l-istabbilimenti tal-akkwakultura, iżda fejn dan ikun inevitabbli, irid jiġi segwit protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir;

      (v) il-viżitaturi fl-istabbiliment tal-akkwakultura jridu jiġu kkontrollati f'każijiet fejn dawn jippreżentaw riskju ta' mard; dawn il-viżitaturi jridu:

         — jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti fl-istabbiliment tal-akkwakultura; jew

         — inaddfu u jiddiżinfettaw kwalunkwe lbies protettiv u żraben li jtellgħu fuq l-istabbiliment tal-akkwakultura mal-wasla u, fil-każ ta' lbies u żraben mhux riutilizzabbli, mat-tluq;

      (vi) l-annimali mejtin iridu jitneħħew mill-unitajiet tal-produzzjoni kollha bi frekwenza li tiżgura li l-pressjoni infettiva tinżamm għal minimu, iżda b'mod li tkun prattikabbli, meta wieħed iqis il-metodu ta' produzzjoni użat, u jintremew f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

      (vii) sa fejn ikun possibbli, it-tagħmir fl-istabbiliment tal-akkwakultura jrid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat fl-aħħar ta' kull ċiklu tal-produzzjoni;

      (viii) meta l-istabbilimenti tal-akkwakultura jirċievu bajd fertilizzat minn stabbilimenti oħrajn u, fejn ikun bijoloġikament fattibbli, dan il-bajd irid jiġi ddiżinfettat kif xieraq mal-wasla u l-imballaġġ kollu jrid jiġi ddiżinfettat jew mormi b'mod bijosigur;

      (ix) ir-rekords tat-tindif u tad-diżinfezzjoni tat-trasportaturi jridu jiġu vverifikati qabel ma l-annimali akkwatiċi jitgħabbew jew jinħattu fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

   (b) l-operaturi għandhom jinnominaw persuna biex tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura b'membri tal-persunal oħrajn li jirrapportaw lil dak l-individwu b'rabta ma' kwistjonijiet ta' bijosigurtà.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-istabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 7 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) iridu jkunu disponibbli tagħmir u faċilitajiet adegwati sabiex jinżammu kundizzjonijiet ta' trobbija xierqa għall-annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

   (b) l-istabbiliment tal-akkwakultura jrid jipprevedi standards ta' iġjene tajbin u jippermetti li jitwettaq monitoraġġ adegwat tas-saħħa;

   (c) sa fejn ikun possibbli, it-tagħmir u l-faċilitajiet iridu jkunu magħmula minn materjali li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'mod xieraq;

   (d) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqiesu r-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi u l-limitazzjonijiet ambjentali tal-istabbiliment tal-akkwakultura;

   (e) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport.

PARTI 2

Ir-rekwiżiti għall-għoti tal-approvazzjoni ta' gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom ħajjin jew bħala prodotti tal-akkwakultura li joriġinaw mill-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 8

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà ta' gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jinżammu l-annimali tal-akkwakultura, bil-ħsieb li jiġu mċaqilqa minnhom kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 8, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) l-operaturi għandhom jimplimentaw pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, u meta jiżviluppaw il-pjan ta' bijosigurtà tagħhom, l-operaturi għandhom iqisu l-elementi li ġejjin:

      (i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi f'kull stabbiliment tal-akkwakultura fil-grupp;

      (ii) fejn ikunu jeżistu l-unitajiet funzjonali li ġejjin fl-istess stabbiliment tal-akkwakultura, dawn iridu jiġu sseparati bl-użu ta' barrieri tal-iġjene xierqa:

         — unitajiet tal-mafqas,

         — unitajiet tat-tismin,

         — unitajiet tal-ipproċessar,

         — ċentru tad-dispaċċ;

      (iii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu esklussivament għall-użu f'kull stabbiliment tal-akkwakultura u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

      (iv) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż bejn l-istabbilimenti tal-akkwakultura, iżda fejn dan ikun inevitabbli, irid jiġi segwit protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir;

      (v) il-viżitaturi fl-istabbiliment tal-akkwakultura jridu jiġu kkontrollati f'każijiet fejn dawn jippreżentaw riskju ta' mard; dawn il-viżitaturi jridu:

         — jilbsu lbies protettiv u żraben ipprovduti f'kull stabbiliment tal-akkwakultura; jew

         — inaddfu u jiddiżinfettaw kwalunkwe lbies protettiv u żraben li jtellgħu fuq l-istabbiliment tal-akkwakultura mal-wasla u, fil-każ ta' lbies u żraben mhux riutilizzabbli, mat-tluq;

      (vi) l-annimali tal-akkwakultura mejtin iridu jitneħħew mill-unitajiet tal-produzzjoni kollha bi frekwenza li tiżgura li l-pressjoni infettiva tinżamm għal minimu, iżda b'mod li tkun prattikabbli meta wieħed iqis il-metodu ta' produzzjoni użat, u jintremew f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

      (vii) sa fejn ikun possibbli, it-tagħmir f'kull stabbiliment tal-akkwakultura jrid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat fl-aħħar ta' kull ċiklu tal-produzzjoni;

(viii) meta l-istabbilimenti tal-akkwakultura jirċievu bajd fertilizzat minn stabbilimenti oħrajn u, fejn ikun bijoloġikament fattibbli, dan il-bajd irid jiġi ddiżinfettat kif xieraq mal-wasla u l-imballaġġ kollu jrid jiġi ddiżinfettat jew mormi b'mod bijosigur;

(ix) ir-rekords tat-tindif u tad-diżinfezzjoni tat-trasportaturi jridu jiġu vverifikati qabel ma l-annimali tal-akkwakultura jitgħabbew jew jinħattu fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(b) ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' bijosigurtà għandha tkun ta':

(i) l-operatur ta' kull stabbiliment tal-akkwakultura individwali fi grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) 2016/429;

(ii) l-operatur ta' grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) 2016/429.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir ta' gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 8 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) iridu jkunu disponibbli tagħmir u faċilitajiet adegwati sabiex jinżammu kundizzjonijiet ta' trobbija xierqa għall-annimali tal-akkwakultura miżmuma f'kull stabbiliment tal-akkwakultura fil-grupp;

(b) kull stabbiliment tal-akkwakultura fil-grupp irid ikollu kundizzjonijiet ta' iġjene tajbin u jippermetti li jitwettaq monitoraġġ tas-saħħa;

(c) it-tagħmir u l-faċilitajiet f'kull stabbiliment tal-akkwakultura fil-grupp iridu jkunu magħmula minn materjali li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati faċilment;

(d) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi f'kull stabbiliment tal-akwakultura fil-grupp, filwaqt li jitqiesu r-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi u l-limitazzjonijiet ambjentali tal-istabbiliment tal-akkwakultura;

(e) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq f'kull stabbiliment tal-akkwakultura fil-grupp għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport.

PARTI 3

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati msemmija fl-Artikolu 9

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 9 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-operaturi għandhom jimplimentaw il-pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis l-elementi li ġejjin:

(i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat;

(ii) fejn ikunu jeżistu unitajiet funzjonali differenti fl-istess stabbiliment tal-akkwakultura konfinat, dawn iridu jiġu sseparati bl-użu ta' barrieri tal-iġjene;

(iii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

(iv) il-viżitaturi jridu jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti mill-operatur;

(v) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż ma' stabbilimenti tal-akkwakultura oħrajn;

(vi) l-annimali mejtin iridu jitneħħew bi frekwenza li tiżgura li l-pressjoni infettiva tinżamm għal minimu u jintremew f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(vii) it-tagħmir fl-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat irid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat bi frekwenza xierqa;

(viii) meta l-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati jirċievu bajd fertilizzat minn stabbilimenti oħrajn, fejn ikun bijoloġikament fattibbli u fejn dan ma jinterferixxix mal-objettivi tar-riċerka, dan il-bajd irid jiġi ddiżinfettat kif xieraq mal-wasla u l-imballaġġ kollu jrid jiġi ddiżinfettat jew mormi b'mod bijosigur;

(ix) ir-rekords tat-tindif u tad-diżinfezzjoni tat-trasportaturi jridu jiġu vverifikati qabel ma l-annimali tal-akkwakultura jitgħabbew jew jinħattu fl-istabbiliment;

(b) l-operaturi għandhom jinnominaw persuna msemmija biex tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat b'membri tal-persunal oħrajn li jirrapportaw lil dak l-individwu b'rabta ma' kwistjonijiet ta' bijosigurtà.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri tas-sorveljanza u tal-kontroll tal-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 9 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) irid jiġi implimentat pjan ta' sorveljanza tal-mard, li jrid jinkludi kontrolli xierqa għall-mard tal-annimali tal-akkwakultura u li jrid jiġi aġġornat skont l-għadd u l-ispeċi tal-annimali tal-akkwakultura preżenti fl-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat u skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat u madwaru fir-rigward tal-mard elenkat u emerġenti;

(b) l-annimali tal-akkwakultura ssuspettati li huma infettati bl-aġenti tal-mard elenkat jew emerġenti jridu jkunu soġġetti għal testijiet kliniċi, tal-laboratorju jew *post-mortem*;

(c) it-tilqim u t-trattament tal-annimali tal-akkwakultura kontra mard trażmissibbli jitwettqu kif xieraq.

3. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 9 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-konfini tal-istabbilimenti tal-akkwakultura konfinati jridu jiġu demarkati b'mod ċar u l-aċċess tal-annimali akkwatiċi u tal-bnedmin għall-faċilitajiet tal-annimali jrid ikun ikkontrollat;

(b) fejn meħtieġ, iridu jkunu disponibbli faċilitajiet adegwati adatti għall-kwarantina tal-annimali tal-akkwakultura introdotti minn stabbilimenti oħrajn;

(c) iridu jkunu disponibbli mezzi adegwati għall-iżolament tal-annimali tal-akkwakultura;

(d) it-tankijiet u l-faċilitajiet l-oħra taż-żamma jridu jkunu ta' standard addattat u jkunu mibnija b'tali mod li:

(i) jiġi evitat il-kuntatt mal-annimali akkwatiċi fuq barra u li l-ispezzjonijiet u kwalunkwe trattament meħtieġ ikunu jistgħu jitwettqu faċilment;

(ii) l-art, il-ħitan u l-materjal jew it-tagħmir l-ieħor kollu jkunu jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati faċilment;

(e) iridu jkunu disponibbli tagħmir u faċilitajiet adegwati sabiex jinżammu kundizzjonijiet ta' trobbija xierqa għall-annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat;

(f) l-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat irid jipprevedi standards ta' iġjene tajbin u jippermetti li jitwettaq monitoraġġ adegwat tas-saħħa;

(g) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport;

(h) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi;

(i) irid ikun hemm fis-seħħ tagħmir tad-diżinfezzjoni xieraq sabiex ikun żgurat li l-ilma mormi kollu li joħroġ mill-istabbiliment tal-akkwakultura konfinat jiġi ttrattat f'livell li jiżgura li kwalunkwe aġent infettiv tal-mard elenkat jew emerġenti li jkun preżenti jiġi kompletament inattivat qabel ir-rilaxx.

PARTI 4

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku msemmija fl-Artikolu 11

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-istabbilimenti għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku, kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) l-operaturi għandhom jimplimentaw il-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis mill-inqas l-elementi li ġejjin meta l-annimali li jkunu infettati b'marda elenkata jew emerġenti jiġu skarnati jew jiġu pproċessati fil-bini:

      (i) il-viżitaturi fl-istabbiliment iridu jiġu evitati, iżda meta tali żjarat ikunu inevitabbli, huma jridu jiġu kkontrollati u l-operatur irid jipprovdi lbies protettiv u żraben li jkunu jistgħu jintremew b'mod sikur jew jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati wara l-użu;

      (ii) il-membri tal-persunal tal-istabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku jridu jilbsu lbies tax-xogħol u żraben li jridu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati bi frekwenza xierqa;

      (iii) irid ikun hemm fis-seħħ sistema ta' diżinfezzjoni xierqa li tiżgura li l-ilma mormi mill-istabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku jiġi ttrattat b'mod xieraq sabiex kwalunkwe aġent ta' mard li jkun preżenti jiġi inattivat qabel ma l-ilma jintrema;

      (iv) irid ikun hemm sistema xierqa fis-seħħ li tiżgura l-ġbir u r-rimi xieraq ta' prodotti sekondarji tal-annimali; prodotti sekondarji bħal dawn għandhom jiġu pproċessati bħala materjal tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2 f'konformità mal-Artikolu 12 jew l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

      (v) iridu jitlestew operazzjonijiet xierqa ta' tindif u diżinfezzjoni qabel il-wasla ta' kwalunkwe konsenja ġdida ta' annimali akkwatiċi għall-ipproċessar;

      (vi) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa li jiżguraw li l-mezzi kollha tat-trasport u l-kontenituri tagħhom li jintużaw sabiex iwasslu l-annimali akkwatiċi lejn stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati qabel ma jitilqu mill-istabbiliment.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-istabbilimenti għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku, kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 11, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) l-art, il-ħitan u l-materjal jew it-tagħmir l-ieħor kollu jridu jkunu jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati faċilment;

   (b) irid ikun hemm fis-seħħ tagħmir tad-diżinfezzjoni xieraq sabiex ikun żgurat li l-ilma mormi kollu li joħroġ mill-istabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku jiġi ttrattat f'livell li jiżgura li kwalunkwe aġent infettiv tal-mard elenkat jew emerġenti li jkun preżenti jiġi kompletament inattivat qabel ir-rilaxx;

   (c) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq, li jkun kompatibbli mat-tip ta' attivitajiet ta' produzzjoni mwettqa, għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport;

   (d) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi.

PARTI 5

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni taċ-ċentri ta' purifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 12

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà taċ-ċentri ta' purifikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) l-operaturi għandhom jimplimentaw il-pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis l-elementi li ġejjin:

      (i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi fiċ-ċentru ta' purifikazzjoni;

      (ii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu esklussivament għall-użu fiċ-ċentru ta' purifikazzjoni u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

      (iii) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż bejn l-istabbilimenti, iżda fejn dan ikun inevitabbli, irid jiddaħħal fis-seħħ protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir;

(iv) il-viżitaturi fiċ-ċentru ta' purifikazzjoni jridu jiġu kkontrollati f'każijiet fejn dawn jippreżentaw riskju ta' tixrid tal-mard; dawn il-viżitaturi jridu:

— jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti fiċ-ċentru ta' purifikazzjoni; jew

— inaddfu u jiddiżinfettaw kwalunkwe lbies protettiv u żraben li jieħdu fiċ-ċentru ta' purifikazzjoni mal-wasla u, fil-każ ta' lbies u żraben mhux riutilizzabbli, mat-tluq;

(v) it-tagħmir fiċ-ċentru ta' purifikazzjoni jrid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat fl-aħħar taċ-ċiklu ta' purifikazzjoni;

(vi) l-ilma mormi miċ-ċentru ta' purifikazzjoni ma għandux jintrema mingħajr trattament xieraq direttament fil-korpi tal-ilma meta l-istat tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi jista' jiġi pperikolat fir-rigward tal-mard elenkat jew emerġenti.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir taċ-ċentri ta' purifikazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 12 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) iċ-ċentru ta' purifikazzjoni jrid jipprevedi standards tajbin ta' iġjene;

(b) it-tagħmir u l-faċilitajiet iridu jkunu magħmula minn materjali li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'mod xieraq;

(c) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport;

(d) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi;

(e) irid ikun hemm fis-seħħ tagħmir tad-diżinfezzjoni xieraq sabiex ikun żgurat li l-ilma mormi li joħroġ miċ-ċentru ta' purifikazzjoni jiġi ttrattat meta jkun meħtieġ sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe aġent tal-mard elenkat jew emerġenti li jkun preżenti jiġi inattivat qabel ir-rilaxx.

PARTI 6

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni taċ-ċentri tad-dispaċċ imsemmija fl-Artikolu 13

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà taċ-ċentri tad-dispaċċ imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 13 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-operaturi għandhom jimplimentaw il-pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis l-elementi li ġejjin:

(i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi fiċ-ċentru tad-dispaċċ;

(ii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu esklussivament għall-użu fiċ-ċentru tad-dispaċċ u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

(iii) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż bejn l-istabbilimenti, iżda fejn dan ikun inevitabbli, irid jiddaħħal fis-seħħ protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir;

(iv) il-viżitaturi fiċ-ċentru tad-dispaċċ iridu jiġu kkontrollati f'każijiet fejn dawn jippreżentaw riskju ta' tixrid tal-mard; dawn il-viżitaturi jridu:

— jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti fl-istabbiliment; jew

— inaddfu u jiddiżinfettaw kwalunkwe lbies protettiv u żraben li jtellgħu fuq l-istabbiliment mal-wasla u, fil-każ ta' lbies u żraben mhux riutilizzabbli, mat-tluq;

(v) it-tagħmir fiċ-ċentru tad-dispaċċ irid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat fl-aħħar tal-operazzjoni tad-dispaċċ;

(vi) l-ilma mormi miċ-ċentru tad-dispaċċ ma għandux jintrema mingħajr trattament xieraq direttament fil-korpi tal-ilma meta l-istat tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi jista' jkun ipperikolat fir-rigward tal-mard elenkat jew emerġenti.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir taċ-ċentri tad-dispaċċ imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 13 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) iċ-ċentru tad-dispaċċ irid jipprevedi standards tajbin ta' iġjene;

(b) it-tagħmir u l-faċilitajiet iridu jkunu magħmula minn materjali li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'mod xieraq;

(c) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport;

(d) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi;

(e) irid ikun hemm fis-seħħ tagħmir tad-diżinfezzjoni xieraq sabiex ikun żgurat li l-ilma mormi li joħroġ miċ-ċentru tad-dispaċċ jiġi ttrattat meta meħtieġ sabiex ikun żgurat li kwalunkwe aġent tal-mard elenkat jew emerġenti li jkun preżenti jiġi inattivat qabel ir-rilaxx.

PARTI 7

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni taż-żoni fejn jinżammu l-molluski msemmija fl-Artikolu 14

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà taż-żoni fejn jinżammu l-molluski msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 14 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) l-operaturi għandhom jimplimentaw il-pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis l-elementi li ġejjin:

      (i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi fiż-żona fejn jinżammu l-molluski;

      (ii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu esklussivament għall-użu fiż-żona fejn jinżammu l-molluski u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

      (iii) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż bejn l-istabbilimenti tal-akkwakultura, iżda fil-każijiet fejn dan ikun inevitabbli, irid jiddaħħal fis-seħħ protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir;

      (iv) il-viżitaturi fiż-żona fejn jinżammu l-molluski jridu jiġu kkontrollati f'każijiet fejn dawn jippreżentaw riskju ta' tixrid tal-mard; dawn il-viżitaturi jridu:

         — jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti fiż-żona fejn jinżammu l-molluski; jew

         — inaddfu u jiddiżinfettaw kwalunkwe lbies protettiv u żraben li jieħdu fiż-żona fejn jinżammu l-molluski mal-wasla u, fil-każ ta' lbies u żraben mhux riutilizzabbli, mat-tluq;

      (v) sa fejn ikun possibbli, it-tagħmir fiż-żona fejn jinżammu l-molluski jrid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat fl-aħħar taċ-ċiklu ta' purifikazzjoni.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir taż-żoni fejn jinżammu l-molluski msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 14 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) sa fejn ikun possibbli, iż-żona fejn jinżammu l-molluski trid tipprevedi standards tajbin ta' iġjene;

   (b) sa fejn ikun possibbli, it-tagħmir u l-faċilitajiet iridu jkunu magħmula minn materjali li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'mod xieraq;

   (c) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, fejn rilevanti, u tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport;

   (d) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqiesu r-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi u l-limitazzjonijiet ambjentali taż-żona fejn jinżammu l-molluski.

PARTI 8

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti ta' kwarantina msemmija fl-Artikolu 15

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-istabbilimenti ta' kwarantina għall-annimali akkwatiċi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 15 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) l-istabbiliment ta' kwarantina jrid ikun jinsab f'distanza sigura minn stabbilimenti ta' kwarantina oħrajn, stabbilimenti tal-akkwakultura jew gruppi ta' stabbilimenti tal-akkwakultura b'distanza speċifikata mill-awtorità kompetenti abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li trid tqis l-epidemjoloġija tal-mard elenkat u emerġenti rilevanti;

(b) l-operatur għandu jimplimenta l-pjan ta' bijosigurtà li huwa previst fl-Artikolu 5 u li jrid jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi kif identifikati fil-pjan ta' bijosigurtà;

(ii) fejn dawn ikunu jeżistu fl-istess stabbiliment ta' kwarantina, iridu jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-unitajiet ta' kwarantina jibqgħu epidemjoloġikament separati minn xulxin;

(iii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu fl-istabbiliment ta' kwarantina u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

(iv) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż bejn l-unitajiet ta' kwarantina fi ħdan l-istabbiliment ta' kwarantina, iżda fil-każijiet fejn dan ikun inevitabbli, irid jiddaħħal fis-seħħ protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir; it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż ma' stabbilimenti oħrajn;

(v) huma biss il-persuni awtorizzati li jistgħu jidħlu fl-istabbiliment ta' kwarantina;

(vi) il-persuni li jidħlu fl-istabbiliment ta' kwarantina jridu jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti u dawn iridu jintremew b'mod sikur jew jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati wara l-użu;

(vii) l-annimali mejtin iridu jitneħħew mill-unitajiet ta' kwarantina kollha bi frekwenza li tiżgura li l-pressjoni infettiva tinżamm għal minimu u jintremew bħala materjal tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2 f'konformità mal-Artikolu 12 jew l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(viii) it-tagħmir kollu fl-istabbilimenti ta' kwarantina jrid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat fl-aħħar ta' kull perjodu ta' kwarantina;

(ix) il-perjodu ta' kwarantina meħtieġ irid jibda meta jiġi introdott l-aħħar annimal akkwatiku fil-koorti li għandu jinżamm fi kwarantina;

(x) kull unità ta' kwarantina trid titbattal mill-annimali, titnaddaf u tiġi ddiżinfettata fl-aħħar tal-perjodu ta' kwarantina u tinżamm ħielsa minn annimali għal perjodu ta' mill-inqas sebat ijiem qabel ma jiġu introdotti annimali akkwatiċi ġodda;

(xi) iridu jittieħdu l-prekawzjonijiet għall-prevenzjoni ta' kontaminazzjoni kroċjata bejn il-konsenji li jidħlu u li joħorġu ta' annimali akkwatiċi;

(xii) l-annimali rilaxxati mill-istabbiliment ta' kwarantina jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali tal-akkwakultura bejn l-Istati Membri;

(c) persuna nnominata trid tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment ta' kwarantina b'membri tal-persunal oħrajn li jirrapportaw lil dak l-individwu b'rabta ma' kwistjonijiet ta' bijosigurtà, fejn meħtieġ.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' sorveljanza u kontroll tal-istabbilimenti ta' kwarantina għall-annimali tal-akkwakultura, kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 15, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet ambjentali li jwasslu għall-espressjoni klinika tal-mard elenkat jew emerġenti rilevanti jridu jinżammu fl-istabbiliment ta' kwarantina matul il-perjodu kollu tal-kwarantina;

(b) l-annimali tal-akkwakultura kollha li jmutu jew li juru sintomi ta' mard *matul* il-perjodu ta' kwarantina jridu jiġu spezzjonati klinikament minn veterinarju u l-ittestjar tal-kampjuni jrid isir f'laboratorju magħżul mill-awtorità kompetenti għal dak l-għan;

(c) il-ħut, il-molluski u l-krustaċji tal-ispeċijiet elenkati jridu jinżammu fi kwarantina taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) għal perjodu ta' mill-inqas 90 jum;

(d) fi żmien perjodu ta' 15-il jum mid-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' kwarantina, iridu jittieħdu kampjuni minn għadd ta' annimali tal-akkwakultura li jiżguraw id-detezzjoni tal-patoġenu rilevanti b'kunfidenza ta' 95 % jekk il-prevalenza prevista tkun ta' 2 %. Dawn l-annimali tal-akkwakultura jistgħu jittieħdu mill-koorti li jkun għaddej minn kwarantina jew minn annimali tal-akkwakultura sentinella li jkunu qed jikkoabitaw u li jkunu suxxettibbli għall-marda elenkata jew emerġenti rilevanti u li jintużaw bħala għajnuna dijanjostika matul il-perjodu ta' kwarantina.

3. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-istabbilimenti ta' kwarantina għall-annimali tal-akkwakultura, kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 15, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-provvista tal-ilma lill-istabbiliment ta' kwarantina trid tkun ħielsa minn aġenti tal-mard elenkat jew emerġenti rilevanti;

(b) l-ilma mormi mill-istabbiliment ta' kwarantina jrid jiġi ttrattat b'mod xieraq sabiex jiġi żgurat li l-aġent(i) infettiv(i) tal-mard elenkat u emerġenti jiġu inattivati qabel ir-rilaxx;

(c) is-sistema ta' trattament tal-ilma mormi trid tkun mgħammra b'mekkaniżmu ta' riżerva sikur sabiex jiżgura t-tħaddim kontinwu tagħha u t-trażżin sħiħ tal-aġent(i) infettiv(i) rilevanti;

(d) l-istabbilimenti ta' kwarantina jridu jiġu demarkati b'mod ċar u l-aċċess tal-annimali u tal-bnedmin irid jiġi kkontrollat;

(e) il-membri tal-persunal responsabbli sabiex iwettqu l-kontrolli veterinarji jrid ikollhom bini mgħammar b'mod suffiċjenti għad-dispożizzjoni tagħhom, fejn meħtieġ, inklużi kmamar tat-tibdil tal-ħwejjeġ u doċċi;

(f) iridu jkunu disponibbli mezzi adegwati għall-iżolament tal-annimali tal-akkwakultura sabiex jintużaw meta jkunu meħtieġa;

(g) l-art, il-ħitan u l-materjal jew it-tagħmir l-ieħor kollu jridu jinbnew b'tali mod li jkunu jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'mod adegwat;

(h) irid ikun hemm sistema xierqa fis-seħħ li tiżgura l-ġbir u r-rimi xieraq ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(i) hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi;

(j) il-parti tal-istabbiliment ta' kwarantina li takkomoda l-annimali tal-akkwakultura trid tkun ta' standard xieraq u mibnija b'tali mod li jiġi evitat kuntatt mal-ilma u mal-annimali fuq barra u li l-ispezzjoni u kwalunkwe proċedura ta' trobbija meħtieġa jkunu jistgħu jitwettqu faċilment.

PARTI 9

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet ta' vetturi f'iżolament, sakemm dawn ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, kif imsemmi fl-Artikolu 16

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati li huma vetturi f'iżolament sakemm dawn ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 16, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-operaturi għandhom jimplimentaw il-pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(ii) fejn ikunu jeżistu unitajiet ta' iżolament differenti fl-istess stabbiliment tal-akkwakultura, iridu jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li dawn jibqgħu epidemjoloġikament separati minn xulxin;

(iii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu esklussivament għall-użu fl-istabbiliment tal-akkwakultura u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

(iv) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż bejn l-unitajiet ta' iżolament fi ħdan l-istabbiliment tal-akkwakultura, iżda fejn dan ikun inevitabbli, irid jiddaħħal fis-seħħ protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir; it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż ma' stabbilimenti oħrajn;

(v) huma biss il-persuni awtorizzati li jistgħu jidħlu fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(vi) il-persuni li jidħlu fl-istabbiliment tal-akkwakultura jridu jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti u dawn iridu jintremew b'mod sikur jew jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati wara l-użu;

(vii) l-annimali mejtin iridu jitneħħew mill-unitajiet tal-produzzjoni kollha fl-istabbiliment bi frekwenza li tiżgura li l-pressjoni infettiva tinżamm għal minimu u jridu jintremew f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(viii) it-tagħmir kollu fl-istabbiliment tal-akkwakultura, jew fl-unità tal-iżolament rilevanti, jekk l-istabbiliment tal-akkwakultura jkun jikkonsisti f'aktar minn unità waħda bħal din, irid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat fl-aħħar ta' kull perjodu ta' iżolament;

(ix) il-perjodu ta' iżolament imsemmi fil-punt 2 għandu jibda biss meta l-aħħar annimal fil-koorti jiġi introdott fl-istabbiliment tal-akkwakultura, jew meta jkun hemm għadd ta' unitajiet ta' iżolament fl-istabbiliment tal-akkwakultura, il-perjodu ta' iżolament għandu jibda biss meta l-aħħar annimal fil-koorti jiġi introdott fl-unità ta' iżolament;

(x) kull unità ta' iżolament fl-istabbiliment tal-akkwakultura trid titbattal mill-annimali, u titnaddaf u tiġi ddiżinfettata fl-aħħar tal-perjodu ta' iżolament;

(xi) iridu jittieħdu l-prekawzjonijiet għall-prevenzjoni ta' kontaminazzjoni kroċjata bejn il-konsenji li jidħlu u li joħorġu ta' annimali akkwatiċi;

(xii) l-annimali rilaxxati mill-istabbiliment tal-akkwakultura li fih ikun għadda l-perjodu ta' iżolament għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali akkwatiċi bejn l-Istati Membri.

(b) l-operaturi għandhom jiżguraw li persuna nnominata tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura b'membri tal-persunal oħrajn li jirrapportaw lil dak l-individwu b'rabta ma' kwistjonijiet ta' bijosigurtà, fejn meħtieġ.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' sorveljanza u kontroll tal-istabbilimenti li jżommu l-annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati li huma vetturi f'iżolament, sakemm ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 16, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-ħut, il-molluski u l-krustaċji tal-ispeċijiet elenkati għandhom jinżammu f'iżolament għal perjodu ta' mill-inqas 90 jum;

(b) l-annimali tal-akkwakultura kollha li jmutu jew li juru sintomi ta' mard matul il-perjodu ta' iżolament ta' 90 jum iridu jiġu spezzjonati klinikament minn veterinarju u l-ittestjar tal-kampjuni jrid isir f'laboratorju magħżul mill-awtorità kompetenti għal dak l-għan.

3. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura ta' speċijiet elenkati li huma vetturi f'iżolament sakemm dawn ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 16, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) iridu jkunu disponibbli mezzi adegwati għall-iżolament tal-annimali tal-akkwakultura;

(b) il-provvista tal-ilma lill-istabbiliment tal-akkwakultura trid tkun ħielsa mill-ispeċijiet elenkati u mill-aġenti tal-mard elenkat u emerġenti rilevanti;

(c) fejn dan ikun meħtieġ sabiex ma jiġix ipperikolat l-istat tas-saħħa tal-ilmijiet riċeventi, l-ilma mormi mill-istabbiliment tal-akkwakultura jrid jiġi ttrattat b'mod xieraq sabiex jiġi żgurat li l-aġent(i) infettiv(i) tal-mard elenkat u emerġenti jiġu inattivati qabel ir-rilaxx;

(d) l-aċċess tal-annimali għall-istabbiliment tal-akkwakultura jiġi kkontrollat;

(e) l-art, il-ħitan u l-materjal jew it-tagħmir l-ieħor kollu jinbnew b'tali mod li jkunu jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'mod adegwat;

(f) hemm sistema xierqa fis-seħħ li tiżgura l-ġbir u r-rimi xieraq ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(g) jiddaħħlu fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi.

PARTI 10

Ir-rekwiżiti għall-għoti tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet magħluqa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali kif imsemmi fl-Artikolu 17

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet magħluqa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali li, minħabba x-xejriet taċ-ċaqliq tagħhom, joħolqu riskju ta' mard sinifikanti, kif imsemmija fl-Artikolu 17, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-operatur għandu jimplimenta l-pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis l-elementi li ġejjin:

(i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi fl-istabbiliment;

(ii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu esklussivament għall-użu fl-istabbiliment tal-akkwakultura u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

(iii) il-viżitaturi fl-istabbiliment tal-akkwakultura jridu jiġu kkontrollati f'każijiet fejn joħolqu riskju ta' mard. Dawn il-viżitaturi jridu:

— jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti fl-istabbiliment tal-akkwakultura; jew

— inaddfu u jiddiżinfettaw kwalunkwe lbies protettiv u żraben li jtellgħu fuq l-istabbiliment tal-akkwakultura mal-wasla u, fil-każ ta' lbies u żraben mhux riutilizzabbli, mat-tluq;

(iv) l-annimali mejtin iridu jitneħħew mill-unitajiet ta' produzzjoni kollha bi frekwenza li tiżgura li l-pressjoni infettiva tinżamm għal minimu u jintremew f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

(b) persuna nnominata trid tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura b'membri tal-persunal oħrajn li jirrapportaw lil dak l-individwu b'rabta ma' kwistjonijiet ta' bijosigurtà, fejn meħtieġ.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet magħluqa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali li, minħabba x-xejriet taċ-ċaqliq tagħhom, joħolqu riskju ta' mard sinifikanti, kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 17, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) iridu jkunu disponibbli tagħmir u faċilitajiet adegwati sabiex jinżammu kundizzjonijiet ta' trobbija xierqa għall-annimali miżmuma fl-istabbiliment;

(b) l-istabbiliment tal-akkwakultura jrid jipprevedi standards tajbin ta' iġjene u jippermetti li jitwettaq monitoraġġ tas-saħħa;

(c) it-tagħmir u l-faċilitajiet iridu jkunu magħmula minn materjali li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati faċilment;

(d) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport;

(e) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' tixrid tal-mard li joħolqu dawn il-predaturi;

(f) irid ikun hemm sistema xierqa fis-seħħ li tiżgura l-ġbir u r-rimi xieraq ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

PARTI 11

Ir-rekwiżiti għall-għoti tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet miftuħa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali kif imsemmi fl-Artikolu 18

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet miftuħa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 18 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-operatur għandu jimplimenta l-pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis l-elementi li ġejjin:

(i) il-punti ta' diżinfezzjoni jridu jiġu installati f'postijiet kritiċi fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(ii) fejn ikunu jeżistu fi ħdan l-istess stabbiliment tal-akkwakultura, l-unitajiet funzjonali jridu jinżammu separati bl-użu ta' miżuri ta' iġjene xierqa;

(iii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

(iv) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż bejn l-istabbilimenti tal-akkwakultura, iżda fil-każijiet fejn dan ikun inevitabbli, irid jiddaħħal fis-seħħ protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir;

(v) il-viżitaturi fl-istabbiliment tal-akkwakultura jridu jiġu kkontrollati f'każijiet fejn joħolqu riskju ta' mard. Dawn il-viżitaturi jridu:

— jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti fl-istabbiliment tal-akkwakultura; jew

— inaddfu u jiddiżinfettaw kwalunkwe lbies protettiv u żraben li jtellgħu fuq l-istabbiliment tal-akkwakultura mal-wasla u, fil-każ ta' lbies u żraben mhux riutilizzabbli, mat-tluq;

(vi) l-annimali mejtin iridu jitneħħew mill-unitajiet ta' produzzjoni kollha bi frekwenza li tiżgura li l-pressjoni infettiva tinżamm għal minimu u jintremew f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(vii) sa fejn ikun possibbli, it-tagħmir fl-istabbiliment tal-akkwakultura jrid jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat fl-aħħar ta' kull ċiklu tal-produzzjoni;

(viii) ir-rekords tat-tindif u tad-diżinfezzjoni tat-trasportaturi jridu jiġu vverifikati qabel ma l-annimali jitgħabbew jew jinħattu fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(b) l-operaturi għandhom jiżguraw li persuna msemmija tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment tal-akkwakultura b'membri tal-persunal oħrajn li jirrapportaw lil dak l-individwu b'rabta ma' kwistjonijiet ta' bijosigurtà, fejn meħtieġ.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li huma faċilitajiet miftuħa li jżommu annimali tal-akkwakultura għal skopijiet ornamentali kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 18 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) iridu jkunu disponibbli tagħmir u faċilitajiet xierqa sabiex jinżammu kundizzjonijiet ta' trobbija xierqa għall-annimali miżmuma fl-istabbiliment tal-akkwakultura;

(b) l-istabbiliment irid jipprovdi standards tajbin ta' iġjene u jippermetti li jitwettaq monitoraġġ adegwat tas-saħħa;

(c) sa fejn ikun possibbli, it-tagħmir u l-faċilitajiet iridu jkunu magħmula minn materjali li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'mod xieraq;

(d) irid ikun hemm fis-seħħ miżuri xierqa ta' kontroll tal-predaturi, filwaqt li jitqiesu r-riskju li joħolqu dawn il-predaturi u l-limitazzjonijiet ambjentali tal-istabbiliment tal-akkwakultura;

(e) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet, tat-tagħmir u tal-mezzi tat-trasport;

(f) hemm sistema xierqa fis-seħħ li tiżgura l-ġbir u r-rimi xieraq ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

PARTI 12

Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' approvazzjoni ta' bastimenti jew ta' postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jinżammu temporanjament sabiex jiġu ttrattati jew sabiex jgħaddu minn proċedura oħra relatata mat-trobbija kif imsemmi fl-Artikolu 19

1. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà ta' bastimenti jew postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jinżammu temporanjament sabiex jiġu ttrattati jew sabiex jgħaddu minn proċedura oħra relatata mat-trobbija kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 19 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-operatur għandu jimplimenta l-pjan ta' bijosigurtà f'konformità mal-Artikolu 5, li jrid iqis l-elementi li ġejjin:

(i) il-bastiment jew il-postijiet mobbli u t-tagħmir kollu użat matul il-proċess tat-trattament iridu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati meta jkun tlesta trattament u qabel ma jsir il-moviment lejn stabbiliment tal-akkwakultura ieħor;

(ii) l-ilbies u ż-żraben tax-xogħol għall-persunal iridu jinżammu fl-istabbiliment tal-akkwakultura u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati regolarment;

(iii) it-tagħmir ma għandux jiġi kondiviż ma' stabbilimenti tal-akkwakultura oħrajn, iżda fil-każijiet fejn dan ikun inevitabbli, irid jiddaħħal fis-seħħ protokoll xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tat-tagħmir u tinżamm evidenza tal-implimentazzjoni tiegħu;

(iv) il-viżitaturi fl-istabbiliment tal-akkwakultura jridu jiġu kkontrollati f'każijiet fejn jikkawżaw riskju ta' mard; dawn il-viżitaturi jridu:

— jilbsu l-ilbies protettiv u ż-żraben ipprovduti fl-istabbiliment tal-akkwakultura; jew

— inaddfu u jiddiżinfettaw kwalunkwe lbies protettiv u żraben li jtellgħu fuq l-istabbiliment tal-akkwakultura mal-wasla u, fil-każ ta' lbies u żraben mhux riutilizzabbli, mat-tluq;

(v) il-kawża ta' kwalunkwe mortalità li sseħħ matul trattament trid tiġi rreġistrata u l-annimali mejtin iridu jitneħħew mill-istabbiliment tal-akkwakultura bi frekwenza li timminimizza l-pressjoni infettiva u li hija prattikabbli meta wieħed iqis l-iskeda tat-trattament għall-annimali tal-akkwakultura kkonċernati;

(vi) l-annimali mejtin jitneħħew bi frekwenza li tiżgura li l-pressjoni infettiva tinżamm għal minimu u jintremew f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

(b) l-operaturi għandhom jiżguraw li persuna nnominata tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' bijosigurtà għall-istabbiliment, b'membri tal-persunal oħrajn li jirrapportaw lil dak l-individwu b'rabta ma' kwistjonijiet ta' bijosigurtà, fejn meħtieġ.

2. Ir-rekwiżiti b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-bastimenti jew postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jinżammu temporanjament sabiex jiġu ttrattati jew sabiex jgħaddu minn proċedura oħra relatata mat-trobbija kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 19 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) iridu jkunu disponibbli tagħmir u faċilitajiet adegwati sabiex jinżammu kundizzjonijiet ta' trobbija xierqa għall-annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment;

(b) sa fejn ikun possibbli, it-tagħmir u l-faċilitajiet iridu jkunu magħmula minn materjali li jistgħu jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati faċilment;

(c) irid ikun disponibbli tagħmir xieraq għat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-faċilitajiet u tat-tagħmir;

(d) fejn jintużaw sistemi awtomatizzati ta' tindif u diżinfezzjoni, l-effikaċja tagħhom trid tiġi vvalidata qabel l-użu inizjali tagħhom u bi frekwenzi xierqa minn hemm 'il quddiem;

(e) hemm sistema xierqa fis-seħħ li tiżgura l-ġbir u r-rimi xieraq ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

ANNESS II

SORVELJANZA BBAŻATA FUQ IR-RISKJU LI GĦANDHA TITWETTAQ F'ĊERTI STABBILIMENTI APPROVATI

PARTI 1

Is-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju fi stabbilimenti tal-akkwakultura u gruppi tagħhom imsemmija fl-Artikoli 7, 8, 17 u 18

Is-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju għandha tiġi implimentata kif ġej fl-istabbilimenti tal-akkwakultura, u l-gruppi tagħhom, li huma msemmija fl-Artikoli 7, 8, 17 u 18:

(a) l-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu l-ispeċijiet elenkati tal-annimali tal-akkwakultura għajr l-ispeċijiet imsemmija fil-punt (b)(ii) ta' din il-Parti, għandhom jimplimentaw sorveljanza bbażata fuq ir-riskju skont il-klassifikazzjoni tagħhom bħala riskju "għoli", "medju" jew "baxx" b'riżultat ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa f'konformità mal-Parti I tal-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689;

(b) l-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu l-ispeċijiet tal-annimali tal-akkwakultura msemmija fil-punti (b)(i) u (ii), għandhom jimplimentaw sorveljanza bbażata fuq ir-riskju jekk il-klassifikazzjoni tagħhom titqies bħala ta' riskju "għoli" jew "baxx" b'riżultat ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa f'konformità mal-Parti I tal-Anness VI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689:

   (i) l-ispeċijiet mhux elenkati;

   (ii) l-ispeċijiet elenkati msemmija fir-raba' kolonna tat-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882; iżda dawk l-ispeċijiet elenkati jridu jkunu f'kuntatt mal-ispeċijiet elenkati msemmija fit-tielet kolonna ta' dik it-tabella sabiex jiġu kklassifikati bħala speċijiet ta' vetturi, u dak il-kuntatt ma jkunx seħħ.

PARTI 2

Il-kontenut tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju fl-istabbilimenti tal-akkwakultura jew gruppi tagħhom imwettqa f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/429

1. Il-kontrolli tar-rekords, l-ispezzjonijiet kliniċi u l-eżamijiet fil-laboratorju fl-istabbilimenti tal-akkwakultura approvati msemmija fl-Artikoli 7, 17 u 18 għandhom jitwettqu kif ġej:

   (a) ir-rekords rilevanti miżmuma f'konformità mal-obbligi taż-żamma tar-rekords tal-Artikolu 186 tar-Regolament (UE) 2016/429 u mal-Artikoli 23, 32 u 33 ta' dan ir-Regolament iridu jiġu eżaminati sabiex jiġi vvalutat jekk hemmx indikazzjonijiet ta' żieda fil-mortalità jew il-preżenza ta' marda elenkata jew emerġenti fl-istabbiliment tal-akkwakultura li jridu jitqiesu matul iż-żjara minn veterinarju;

   (b) il-partijiet kollha tal-istabbiliment tal-akkwakultura jridu jiġu eżaminati b'attenzjoni partikolari għal dawk l-unitajiet tal-produzzjoni fejn tkun ġiet indikata żieda fil-mortalitajiet fir-rekords imsemmija fil-punt (a);

   (c) fejn ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni tal-preżenza ta' marda elenkata jew emerġenti minn eżami tar-rekords jew mill-ispezzjoni klinika tal-unitajiet tal-produzzjoni kollha, ma għandu jkun hemm l-ebda ħtieġa li jittieħdu kampjuni għall-eżami fil-laboratorju;

   (d) fejn jiġu identifikati annimali tal-akkwakultura moribondi jew li mietu riċentament, għażla rappreżentattiva ta' dawn l-annimali tal-akkwakultura trid tiġi eżaminata klinikament, kemm esternament kif ukoll internament, sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx bidliet patoloġiċi; b'mod partikolari, dak l-eżami jrid ikollu l-għan li jidentifika l-mard elenkat jew emerġenti;

   (e) jekk l-eżitu tal-eżami kliniku previst fil-punt (d) iwassal għal suspett tal-preżenza ta' tali marda elenkata jew emerġenti fi stabbiliment tal-akkwakultura fi Stat Membru, żona jew kompartiment fejn ikun qed jiġi implimentat programm ta' eradikazzjoni, jew li jkunu ġew iddikjarati ħielsa minn dik il-marda partikolari, għandu jinġabar kampjun ta' annimali tal-akkwakultura minn dak l-istabbiliment tal-akkwakultura u jkun soġġett għal eżami fil-laboratorju f'konformità mal-Kapitolu rilevanti tal-Parti II tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

   (f) jekk l-eżitu tal-eżami kliniku previst fil-punt (d) iwassal għal suspett tal-preżenza ta' marda elenkata fi stabbiliment tal-akkwakultura fejn ikun qed jiġi implimentat programm ta' sorveljanza għal dik il-marda partikolari tal-kategorija C, għandu jinġabar kampjun ta' annimali tal-akkwakultura mill-istabbiliment tal-akkwakultura u jkun soġġett għal eżami fil-laboratorju f'konformità mal-Kapitolu rilevanti tal-Parti III tal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

(g) jekk l-eżitu tal-eżami kliniku previst fil-punt (d) iwassal għas-suspett ta' marda emerġenti, għandu jinġabar kampjun ta' annimali tal-akkwakultura mill-istabbiliment tal-akkwakultura u jkun soġġett għal eżami fil-laboratorju bl-għan li tiġi identifikata l-marda emerġenti kkonċernata.

2. Il-kontrolli tar-rekords u l-eżamijiet kliniċi u fil-laboratorju fil-gruppi approvati tal-istabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jitwettqu kif ġej:

(a) ir-rekords rilevanti miżmuma minn jew f'isem kull stabbiliment tal-akkwakultura fil-grupp ta' stabbilimenti tal-akkwakultura f'konformità mal-Artikolu 186 tar-Regolament (UE) 2016/429 u mal-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament iridu jiġu eżaminati sabiex jiġi vvalutat jekk hemmx indikazzjonijiet ta' żieda fil-mortalità jew tal-preżenza ta' marda elenkata jew emerġenti li jridu jitqiesu meta jiġi deċiż liema stabbiliment tal-akkwakultura fil-grupp għandu jiġi miżjur għall-fini tas-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju;

(b) meta l-eżami tar-rekords imsemmija fil-punt (a) jindika żieda fil-mortalità jew il-preżenza ta' marda elenkata jew emerġenti fi stabbiliment tal-akkwakultura partikolari fi ħdan il-grupp, dak l-istabbiliment irid jiġi miżjur għall-fini ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju; matul dik iż-żjara jridu jiġu segwiti l-passi deskritti fil-punt 1 (b) sa (g);

(c) meta l-eżami tar-rekords imsemmija fil-punt (a) ma jindikax żieda fil-mortalità jew il-preżenza ta' marda elenkata jew emerġenti fi kwalunkwe stabbiliment tal-akkwakultura fi ħdan il-grupp, iż-żjara jew żjarat ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju għandhom jitwettqu:

(i) wara valutazzjoni tar-riskju, fl-istabbiliment(i) tal-akkwakultura fi ħdan il-grupp li jippreżentaw l-ogħla riskju ta' introduzzjoni tal-mard; jew

(ii) għall-istabbiliment li kellu l-akbar għadd ta' movimenti ta' annimali tal-akkwakultura għal biedja ulterjuri, minn meta tkun twettqet l-aħħar żjara ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju.

Fi kwalunkwe każ, il-passi deskritti fil-punt 1 (c) sa (g) iridu jiġu segwiti matul iż-żjara ta' sorveljanza bbażata fuq ir-riskju.